L-EWWEL KTIEB — MARZU
TAT-TNEJN U GHOXRIN SENA — 1946

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

*Editorjal*—Il-Premju Ġużè Muscat-Azzopardi — Faċċ. 3
Erin Serracino-Inglott—*Nemel* — ,, 5
Vic. Apap—*Mingħajr Ulied* — ,, 6
Jos. Galea—*Tnehid* — ,, 7
Ġino Muscat-Azzopardi—Skond il-Liġi! — ,, 8
Toni Cassar—*Lill-Musa* — ,, 13
Dun Pawl—Wenzu jfittex lil Luċija — ,, 15
Ġużè' Gatt—L-Ewwel Stamperija f'Malta — ,, 19
K. Vassallo—Oriġinalità vs. Sinċerità — ,, 26
Ġużè' Chetcuti—F'Ġieh il-Haqq u s-Sewwa — ,, 28
A. Cremona—Studju Kritiku — ,, 25
Erin Serracino-Inglott—Etimoloġija — ,, 40
Reċensjonijiet — ,, 41

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IT-TNEJN U GHOXRIN SENA 1946.

UNIVERSITY

MALTA—1946
STAMPERIJA TAD-DAR TA' S. ĠUŻEPP.
HAMRUN.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — MARZU 1946


# *Il-Premju Guze' Muscat Azzopardi u Il-Hajja Kulturali tal-Pajjiz*

*FL-AHHAR numru ta'* "Il-Malti" *konna ġibna l-aħbar tal-fondazzjoni tal-*"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" *li twaqqaf bħala tifkira tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, P.L., P.E.P., B.M., l-ewwel President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."*

*Dan il-premju aħna nqisuh bħala qofol għal kull ħidma għall-ġid ta' l-ilsien Malti; bis-saħħa tiegħu nistennew li titkattar u tiżdied il-ħrara mhux biss għall-ilsien tagħna imma wkoll għal kull sentiment nazzjonali; għax l-ilsien u n-nazzjon huma marbutin hekk flimkien li kull ħaġa li tolqot lil wieħed ma tistax ma jkollhiex effett fuq l-oħra wkoll.*

*Bit-twaqqif ta' dan il-premju Malta ġiet f'tagħha u ntrefgħet mhux ftit. Issa pajjiżna jista' bil-ħaqq kollu joqgħod ma' ġenb pajjiżi oħrajn l-aktar ċivilizzati fejn għandhom premijiet u inkuraġġimenti biex iħajru n-nies iwettqu ħidmiet għall-ġieħ tan-nazzjon; għax il-kobor tan-nazzjon hu skond il-ġieh li jżejjen lil dik in-nazzjon, li aktar tarfa' rasha fost ix-xirka tal-ġnus aktar ma jkun għoli l-unur tagħha.*

*Il-premiazzjoni għal ħidma nazzjonali hija xhieda ta' progress u ċiviltà. Il-popli għafsin u li baqgħu lura fit-triq tal-progress ma jfittxux li jseddqu s-sentimenti nazzjonali tagħhom, imma ġens tal-għaqal dejjem ħass ruħu kburi b'dak li Alla tah u għanieh u min ma jagħmilx hekk ikun qisu jmaqdar lilu nnifsu u jistieden oħrajn biex iwaqqgħuh fil-għajb.*

*Fid-dinja dejjem hekk kien li n-nies jistmawk daqs kemm inti tistma lilek innifsek, jiġifieri min iħares kif imiss lilu nnifsu u lil ħwejġu joqgħla f'għajnejn ħaddieħor, iżda min jittraskura ħwejġu, barra li jibqa' biex jitlef kollox u jiftaqar, jaqa' għażżeblih.*

*Aħna, bħala poplu, żgħar wisq, imma għandna grajja tal-għaġeb li tagħmilna kbar f'għajnejn id-dinja u sakemm nibqgħu*

*nidhru bħala poplu għalina bil-ġrajja tagħna, id-dinja tibqa' tqisna bil-qima li jistħoqqilna; imma hemm ħaġa li tagħżilna bħala ġens għalih u torbot il-ġrajja ta' gżiritna mal-ġens tagħna u din il-ħaġa hija l-ilsien Malti. L-ilsien Malti qisu l-qafas li fuqu mibnija l-istorja tagħna u li ġewwa fih jiġbor il-ħajja u s-sentimenti nazzjonali tagħna. Għalhekk biex inwettqu n-nazzjonalità tagħna u nsaħħuha u nkattruha u nxettluha rridu nikkoltivaw l-ilsien tagħna, dan kollu jseħħ b'mezz tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" li jżomm bla qatt jintefa n-nar ta' ħeġġa għall-ilsien Malti.*

*Bħalma l-"Premju Noble" huwa kawża ta' inkuraġġiment kbir għall-arti u għax-xjenza tad-dinja kollha u huwa l-ogħla ambizzjoni ta' l-aqwa għorrief internazzjonali, hekk il-"Premju Muscat Azzopardi" għad ikun il-mezz li jqanqal interess u ħidma ħarkiena dwar l-ilsien Malti u minn dan il-premju nistennew ukoll żvilupp ġdid fil-ħajja kulturali u nazzjonali tal-pajjiż. Il-"Premju Muscat Azzopardi" għad ikun l-inkoronazzjoni ta' patrijotti qalbenin, ta' għorrief imsemmijin, ta' kittieba mill-aqwa Maltin u barranin, li bix-xogħlijiet tagħhom jisfgħu ta' ġid għall-ilsien Malti.*

*Dari kull min kien jinteressa ruħu fil-Malti u jħabrek għalbiex iġib il quddiem l-ilsien nazzjonali tagħna ma kienx jaqla' ħlief tmaqdir u żebliħ. Il-lum min jindaħal għall-Malti għadu jaqla' fuq wiċċu wkoll, għax l-egħdewwa tal-Malti, fil-moħbi u fil-beraħ, għadhom ifixklu kemm jifilħu, iżda issa mat-tmaqdir u ż-żebliħ, id-difensuri tal-Malti jistgħu jiksbu premju sabiħ, premju li jagħmel ġieh lilhom u jibqa' bħala tifkira għażiża għal uliedhom u wlied uliedhom.*

*Kull min jħabrek bil-qalb u bil-ħrara għall-Malti jkun jista' jaqla' dan il-ġieh, għax il-"Premju" jingħata darba fis-sena u ħadd ma jista' jieħdu aktar minn darba waħda biss, biex ikunu jistgħu jeħduh għadd kbir ta' nies.*

*Il-premju miftuħ għall-Maltin u għall-barranin biex b'hekk iqajjem interess għall-Malti fost il-barranin ukoll. Aħna nafu li hemm ħafna għorrief barranin li jinteressaw ruħhom fil-Malti, xi wħud minnhom kitbu xogħlijiet sbieħ u ta' fejda fuq l-Etimoloġija tal-Malti, oħrajn ħarġu grammatki ta' siwi kbir fuq l-ilsien tagħna. Bis-saħħa ta' dan il-"Premju" nittamaw li l-barranin li jħobbu u jaħdmu għall-Malti jiżdiedu u b'hekk l-ilsien tagħna jieħu xejra ġmielha fl-istudji internazzjonali.*

*Mela l-"Premju Muscat Azzopardi" huwa rahan ta' tixtil ġdid fil-kultura nazzjonali, minnu nistennew ġid bla tarf għall-qawmien tal-Malti u għad jibqa' bħala għajn ta' saħħa u ta' sedqa għal kull tqanqila b'risq l-ilsien tagħna.* Quod bonum, felix, faustumque sit.

---

## NEMEL....

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

Serbut sewdieni jserrep kollu ħajja,
tiela' mal-ħajt: min bieżel
jitbewwes ma' min nieżel,

u min tagħbija jqandel jew jitlajja;
farrada u qtajja'...

Hsieb wieħed għalenija: tiġbru l-muna,
bħal aħwa lkoll iġġorru,
fis-skiet id-dwejra tmorru...

U sa ma tarġa' tfiġġ il-qiegħa sħuna
tibqgħu midfuna!

Fil-għaqda l-hena tagħkom. Serħ u ħidma
bejnietkom taqsmu ġwejda.
Miġbura fuq il-mejda

ma tiġġildux min jieħu l-akbar gidma...
Għajxien bla nidma!

U kollox ta' kulħadd u xejn ta' wieħed!
Il-għira, l-ġlied, il-ħsara,
tal-bniedem il-għamara...

O kieku d-dinja, li taf biss tissieħet,
minnkom tittieħed!

28. 1. 46.

# Minghajr Ulied

*Ta'* Vic. Apap

*Ikbru u oktru* (Ġenesi, Kap. 1, vers 28)

Il-ħnieua ta' qalb safja minn kull tebgħa
ċaħħditek milli jkollok ulied tiegħek,
mhux għax ma xtaqtx li tħaddan 'il xi tifel,
iżda għax ma ridtx lil min ibati miegħek

f'did-dinja li tħobb twiegħed, bla ma tagħti,
ir-riżq, il-hena, l-ġid u kull tgawdija,
il-bogħ'd mill-moħħ u l-qalb il-għaks, in-niket,
kull ħsieb li jista' jwassal għat-tbatija;

u lanqas ma rruftajt l-ulied biex tedha
bil-ġid ta' raġel dħuli u mimli mħabba,
li billi żamm bil-qjies f'imġibtu miegħek
il-ġmiel ta' surtek ma kien qatt imtabba',

imm' għax fhimt tajjeb li tkun bluha kbira
jekk tħassar ġmielek biex twilled tarbija,
li tista' tkun sabiħa daqskemm kerha
u tikseb b'hekk tmaqdir minflok foħrija.

Sew qal kien Malthus, daqs mitejn sen'ilu,
li żjieda tan-nies fl-art il-ġuħ taf tagħti,
tnissel mibegħda, tqanqal gwerer ħorox,
sa twaqqa' fl-għaks ukoll lil min mhux ħati.

Sew igħid il-Malti li l-ulied u l-bhejjem
lil min igħajjixhom iwassluh fil-għali.
Le, le, tassew m'għandekx għalfejn tambiħom,
l-ulied jistħoqqu biss lil min hu ħali.

Li s-siġar għandhom jarmu l-frott f'newbithom,
u l-ward mill-ġewża jiftaħ ta' kull sena,
li t-tjur u l-ħut u l-bhejjem il-frieħ jagħmlu
mingħajr ma tonqos xejn tal-ħajja l-hena,

isir biex qalbek tkun titgħaxxaq tista'
bil-ġmiel tal-ġdid li qed jitkattar dejjem;
b'daqshekk m'għandekx titkasbar, twaqqa' 'l ġiehek,
sa tarmi dehnek biex tgħix sew bħall-bhejjem.

Il-frott, il-ward, il-ħut u l-bhejjem kollha
jitkattru billi f'żmien qasir jidbielu,
mhux bħalek li sa tibqa' tgħix għal dejjem
għax f'ruħek għamel Alla xebh ta' ġmielu.

* * *

Istqarrli ftit, mingħajr ma toqgħod tistħi:
Min bik qed taħseb li sa jdur f'xjuħitek,
mhux għal imħabbtek żgur, lanqas għal wiċċek,
jekk mhux biex jerda' l-flus frott ta' bluħitek?

Għaliex ma tithenniex bħal nisa oħra
u timla dak il-baħħ li għandek f'qalbek?
Għaliex ma titħabbibx mill-ġdid ma' Alla
biex b'ħajr is-Sema jiżżejjinlek talbek?

6. viii. 42.

---

## TNEHID

*Ta'* Jos. Galea

Lill-baħar mort staqsejt:
"Xinhija l-ħajja?"

Tweġibtu kienet biss
Ċafċif mal-plajja.

Lill-kwiekeb nitlob dort:
"Il-ħajja mnejn?"

Tpetpithom donnu kien
Tagħmiż l-għajnejn.

Lil qalbi fl-aħħar għidt:
"Għax għandi nbati?

Għax jien biss fil-ħolqien
Mgħoddi ta' ħati?"

U qalbi hi twieġeb
Taqtqet qawwija:

"Għax taħsbek fil-ħolqien
Aqwa mill-bqija."

# Skond il-Ligi!

*Ta'* Ġino Muscat-Azzopardi

MARI' kienet bdiet titħasseb ġmielha; id-dlam kien beda jraxxax u Pawlu tagħha għadu ma ġiex. Bdiet taħseb kemm isuqu straxxnat il-karrozzi tan-nar ta' l-Ingliżi, fil-għajdut fuq nies imgħammda jiġġerrew mat-toroq, kemm bhejjem sfrattati hawn fl-idejn din il-ħabta... x'sata' ġara? Pawlu tagħha qatt ma kien jiddawwar hekk... il-għaġin għoddu sar bażina.

Pawlu fl-aħħar wasal; b'geddum sa l-art, b'għajnejh mitlufa, b'nifsu x'aktarx tqil, b'xofftu ta' isfel bejn snienu...

—X'inqala' Pawl? Ħsibtu ġralek xi ħaġa!

Iżda Pawlu ma weġibx.

—X'għandek, x'waħdadin? — staqsiet Marì hija u ssaffi l-għaġin. — X'wiċċ imqarras... jaqaw rajt lil ommok?

U Pawlu, bħal wieħed li jkun ilu jiġbor ħafna ġewwa fih **u fl-aħħar jinfaqa'** f'daqqa, wieġeb b'nifs wieħed:

—Kontx għidtlek li begħt dak il-ħabel kaboċċi lil Salvu ta' Lezja? Il-lum ċaħad il-ftehim għax qal li huwa pastard kien xtara u mhux kaboċċi...

—U s-Santa Marija x'irġulija!

—U x'irġulija, irġulija... raġel jien, għax, qligħ u telf, inżomm kelmti wkoll jekk naf li mmur nitlob bieb bieb.

—Dak għal ġiebna kien l-Awstralja...

—Iżda miegħi ma jilgħabx! — issokta Pawlu kollu mdaħdaħ. — Miegħi ma jiċċajtax; għada stess immur għand l-avukat u nċappaslu ċitazzjoni... miegħi ma jiċċajtax.

—U iva, taf x'hemm tajjeb?—qalet Marì tfittex li tberred lil Pawlu tagħha — Taf x'hemm tajjeb? Li l-kaboċċi qiegħda ġġib daqs il-pastard.

—Mhix dik il-kistjoni... il-kistjoni jekk kienx hemm ftehim jew le.

—Għax il-Qorti, Pawl, jien dejjem bżajt minnha.

—U jien inħobbha? Jien inħobbha? Allura nħalli ħalliel bħal dak, min jaf x'għamel l-Awstralja, jiskapriċċani? Jekk naf li nonfoq kulma għandi... nċappashielu...

U hekk kien!

Il-għada, mat-tmienja, Pawlu, bil-qalziet u s-sidrija tassarġ li tejjeġ bihom, bil-ġlekk mitni fuq driegħu tax-xellug u bil-qorq ta' nhar ta' Ħadd, kien qiegħed idur mal-kurituri tal-Qorti, jistaqsi għall-Avukat Barbara, li, kif kien għarrfu s-Surġent tar-raħal, kien żiemel minn l-aqwa u jaf x'igħid għal mewt sobtu. U staqsi minn hawn u tkixxef minn hemm, fl-aħħar irnexxielu jsibu u dlonk tarraflu kif kienet sewwa l-*kistjoni.*

—Isma', Pawl... — qallu l-Avukat huwa u jneħħi n-nuċċali sabiex iserraħ ftit għajnejh — Jiena jidhirli li skond il-liġi inti għandek tirbaħha bl-ispejjeż kollha, iżda, biex inkun aktar żgur, ħalli nara ftit xi tgħid il-liġi sewwa...

L-Avukat Barbara ressaq lejh wieħed mill-kotba li kien hemm fuq il-mejda, waħħal in-nuċċali fuq imnieħru, fetaħ il-ktieb, beda jqalleb 'l hemm u 'l hawn, jaqra f'qalbu, jagħlaq għajnejh u jwaddab rasu lura bħal wieħed li qiegħed jixtarr dak li qara, jarġa' jqalleb ftit paġni oħra, jarġa' jaqra f'qalbu u fl-aħħar għalaq il-ktieb għal kollox, ressqu 'l bogħod minnu, taptap taptipa ħafifa fuq dahar Pawlu u tennielu:

—Skond il-liġi għandek tirbaħha bl-ispejjeż...... mur lejn darek u ħalli l-bqija għalija...

—U bil-kaboċċi x'nagħmel? Inħallihom jissebblulu?

—Nossinjore! Aħsadhom, bigħhom bl-aħjar prezz li tista' ġġib u niddepożitawlu flushom il-Qorti.

—Tajjeb wisq. Isma' int ma għandekx bżonn xi xkora għaddar, hux, sur Avukat?

—Le, grazzi, Pawl... l-ewwelnett lili l-kaboċċi jagħmluli bħal gass u t-tieni, dawk il-kaboċċi, skond il-liġi mhumiex tiegħek, iżda ta' Salvu Zammit.

—Orkaj!

U la qallu *orkaj* Pawlu ma kellux fejn jasal aktar; urieħ kemm jaf iġib ruħu quddiem il-puliti u li, huwa wkoll, jaf jitkellem bħas-sinjuri.

Anqas laħaq feġġ fuq il-għatba li, kollu daħkan, ma qalx lil Marì tiegħu:

—Rajtx jekk għandix raġun? Sejjer nirbaħhielu bl-ispejjeż u b'kollox...

—Hekk qallek l-Avukat? — staqsietu martu kollha ħrara.

—Mhux l-Avukat... il-Liġi... il-Liġi fiha nnifisha! Sibnieha fil-Liġi flimkien... bl-ispejjeż b'kollox...

—Iżda, Pawl... — reġgħet bdiet Marì minn taħt l-ilsien.— Ngħid jiena fil-Liġi pissibbli hemm imsemmija l-pastard u l-kaboċċi?

—Iva, kemm bqajt lura Marì? Qiegħed ngħidlek li rajtha jien stess, u l-Avukat, biex ikun aktar żgur, xedd il-kaless f'għajnejh...

Imma Marì, bħan-nisa kollha, donnha kienet għadha ma tistax temmen għal kollox.

—Għax, nagħmilha tal-belha, Pawl... — issoktat tgħidlu— issa Salvu ta' Lezja ma jmurx għand xi avukat ieħor u jagħtih raġun ukoll?

—Imbilli? Iżda l-avukat li jsib mhux żiemel bħal tagħna... imbagħad m'hemmx l-Imħallef? Dak iħoll u jorbot...

Għadda xahar. Marì qatt aktar ma kellmet lil żewġha fuq il-ħabel tal-kaboċċi; kienet bdiet taħseb li la l-affari twalet u ma sar xejn, x'aktarx li l-biċċa tmut fuq ommha, x'ħin darba, wara nofs in-nhar, waqt li Pawlu kien mar jaqta' ftit qaqoċċ. żagħżugħ, liebes l-iswed, bil-buttuni lewn il-fidda, niżel minn fuq ir-rota u ta lil Marì karta bajda x'aktarx twila.

—Din għalfejn, ħi? Jaqaw biex immorru ninkitbu għall-patata taż-żrigħ?

—Le! — wieġeb iż-żagħżugħ. — Intom ma kontux ħarriktu lil ċertu Salvu Zammit fuq xi kaboċċi? Dik ċitazzjoni... Il-kumparsa għal bħal-lum tmint ijiem. Tinsiex tagħtiha li żewġek, jekk jogħġbok...

—X'jiġifieri?! — u Marì baqgħet fuq il-għatba bil-karta f'idejha, moħbija wara daharha, tara jekk xi ħadd mill-ġirien kienx ra lil dak ta' l-uniformi jkellimha.

It-tmint ijiem għaddew bħal ħolma u Pawlu, bil-qalziet u s-sidrija tas-sarġ li tejjeġ bihom, bil-ġlekk mitni fuq driegħu tax-xellug u bil-qorq ta' nhar ta' Ħadd, raġa' telaqha għall-Qorti.

Dak in-nhar Marì ma setgħetx tagħmel waħda dritta. Jekk tmur tgħassed lit-tiġieġ tifqa' n-nuħħala għaliex tinsa l-ilma nieżel... jekk tmur tagħlef lin-nagħġa tinsa tieħu magħha ż-żerriegħa tal-qoton... jekk tmur idduq il-borma flok twaddab bżar u melħ, twaddab darbtejn bżar u tinsa l-melħ... moħħa ma kienx id-dar, ma kienx hemm, ma kienx fli qiegħda tagħmel, iżda 'l bogħod, fil-bogħod... fil-belt... fil-Qorti... Għad li hija

qatt ma kienet daħlet ġewwa l-Qorti, quddiemha bdiet tara torġien sħaħ ta' rħam abjad li donnhom qatt ma jispiċċaw, għorof daqs il-ħabel tal-kaboċċi, mimlija twieqi kbar u għolja, u siġġijiet tal-bellus aħmar, u mwejjed tal-kawba kull waħda daqs baħar, u kotba tal-Liġi miftuħa 'l hemm u 'l hawn, u avukati deħlin u ħerġin bil-karti f'idejhom u pjantuni kull fejn iddawwar wiċċek, u fuq speċi ta' pulptu, bħal dak li tara fil-knejjes, raġel xiħ, liebes l-iswed minn fuq s'isfel, b'leħja twila bajda qoton, b'miżien f'idu l-leminija u l-Liġi fix-xellugija: l-Imħallef.

U f'nofs dan il-kobor kollu, dan il-għajat, l-ippillar u t-tmasħin ta' l-avukati, fost dik il-ġeġwiġija kollha bdiet tara lil Pawlu... lill-maħbub Pawlu tagħha. Marì xtieqet minn qalbha li żewġha ma jidħolx il-Qorti, iżda, la daħal, issa minn qiegħ qalbha kienet tixtieq li joħroġ rebbieħ, jekk mhux għal ħaġa oħra sabiex Żeża ta' quddiemha, tieħu t-tweġiba li jistħoqqilha.

U kienet għadha qiegħda toħlom b'għajnejha miftuħa x'ħin Pawlu tagħha, aħmar daqs skorfna, b'idejh iferfru fl-ajru u, bħat-tfal, igħolli l-berritta mas-saqaf tal-għorfa, beda jgħajjat kemm kellu saħħa u ħila: Tara kemm ħareġ ta' raġel? Tara kellix raġun?

—Irbaħnieha? staqsiet Marì kif ratu.

—Irbaħtha jiena għax kieku smajt minnek kont inħallih jiskapriċċani ħalliel bħal dak, min jaf x'għamel l-Awstralja....

—Għidli... għidli Pawl... x'sar allura? — staqsiet Marì trid ittir bil-ferħ aktar minn żewġha.

—Dak avukat, Marì! Trid tara kif ċekken lil dak il-fellus imxarrab ta' avukat li kellu Salvu...

—U Salvu x'qal? X'qal bilħaqq?...

—Xi tridu jgħid? Tilifha bl-ispejjeż dak li qal; mela ħaseb li billi mar l-Awstralja...

—Allura l-flus tal-kaboċċi taħomlok?

—Mela din ftira? L-Avukat qalli biex naraħ xi erbat ijiem oħra ħalli jgħaddi ż-żmien ta' l-appell.

— Ta' l-appell kif, Pawl?

—Ma nafx... ma fhimtux sewwa... qal li jista' jippilla quddiem tliet Imħallfin...

—Kif allura l-kumparsa għadha ma spiċċatx għal kollox?

—Mela le?... Jippilla ħej! Irid jippilla. . bħallikieku Malta mhux liġi waħda hawn?! La l-liġi tatni raġun, jiġifieri li għandi

ragun... Imħallef wieħed, u tnejn, u tlieta xorta waħda... la l-liġi hija waħda, kif irbaħtha l-lum nirbaħha dejjem... ara, kemm jien ħmar... insejt nistaqsi fejn joqgħod is-sur Imħallef biex fi żmien il-ħawħ nibgħatlu bixkilla kif naf jiena...

—U, ngħid jiena... — issoktat Marì — Dan tal-lum mhux Imħallef daqs it-tlieta l-oħra? X'irid jippilla?

—Isma' x'qaltlek! Dak kull ma qiegħed jagħmel biex itawwal iż-żmien. Marì, taħsebx li s-sur Imħallef qagħad fuq li qal l-avukat tiegħi hux? Mela ħej... Ha l-Liġi f'idejh, qraha, raġa' qraha mbagħad qata' l-kistjoni.

—U t-tlieta l-oħra mhux fuq l-istess ktieb iridu jaqtgħuha?

—Dan żgur! Hawn Malta liġi waħda hawn... u la skond il-liġi rbaħtha bl-ispejjeż, nerġa' nirbaħha bl-ispejjeż... mhux hekk Marì?

Iżda ma kienx hekk: iż-żmien wera li tliet Imħallfin jistgħu ma jkunux jaqblu ma' Imħallef ieħor. Pawlu, fl-appell, tilef il-kawża bl-ispejjeż.

—Iżda, kif? Kif? Kif jista' jkun? Ta' bilfors qabdu xi ktieb b'ieħor — kien qiegħed jgħid Pawlu lis-Surġent tar-raħal.

—Le, ruħi, Pawl — qallu s-Surġent. — Dak ma għandux x'jaqsam: wieħed ikun jifhemha mod u l-ieħor ikun jifhemha xort'oħra. Mitt bniedem mitt fehma...

—U x'inti tgħid u tgeżwer? Mela mal-Liġi tista' toqgħod tilgħab hekk? Mela kulħadd kif jifhem huwa? Imħallef rebbaħhieli, ieħor itellifhieli, wieħed minnhom bilfors li żbalja...

—Iżda dak li jgħidu t-tlieta ta' l-appell huwa li jiswa... dak il-ħaqq.

—Allura lill-ieħor la ma jafx jagħmel il-ħaqq għax ma jagħtuhx il-pjazza?

—Le, Pawl, huwa l-ieħor għamel il-ħaqq ukoll...

—Jiena din ma nistax nifhimha... Kif tgħidli li għamlu l-ħaqq it-tnejn? Allura jiena ma nistax nerġa' nippilla quddiem ħames Imħallfin? Forsi dawn jerġgħu jifhmuha xort'oħra u jrebbħuhieli?...

—Imbagħad ma nispiċċaw qatt. Int lill-Avukat tiegħek arġajt rajtu?

—Għandi narah għada...

U l-għada Pawlu reġa' mar għand l-Akuvat Barbara u reġa' beda jrid ifiehmu li ma jistax ikun li Mħallef fuq liġi jgħid mod u Mħallef ieħor fuq l-istess liġi jgħid xort'oħra.

—Iva, agħmilli pjaċir, arġa' sib fil-ktieb fejn sibt dak in-nhar u fissirli sewwa x'hemm miktub fuq il-pastard u l-kaboċċi...

—Pawl, jaħasra, dak ma għandu x'jaqsam xejn, inti ma tifhemx... — qallu l-Avukat huwa u jneħħi n-nuċċali sabiex iserraħ ftit għajnejh — ...ara jekk tmur il-"Privy Council", jiena ngħid li terġa' tirbaħha bl-ispejjeż...

—Immur imqar fl-aħħar tad-dinja... dan fejn jaħbat? Il-Qorti l-imġarrfa jew dik ta' quddiem il-Posta ta' l-ittri?

—Il-"Privy Council" jiġifieri l-Ingilterra...

—L-Ingilterra?... U ħallina sur Avukat... aħna tkellimna bil-Malti u ma qbilniex aħseb u ara kemm sejrin niftiehmu bl-Ingliż...

Insejna ngħidu fil-bidu li dan Pawlu Xuereb kien minn l-Imtaħleb u kienu jgħidulu "Ta' Rasqara'."

---

## LILL-MUSA

*Ta'* TONI CASSAR

La taħrabnix, tibżax titkellem miegħi,
Ftakar, ja Musa, li int għad trid tnebbaħ
Poeta ġdid u meta fil-ħsieb tiegħi
Tiġi Sultana sbejħa biex issebbaħ

B'nifsek lehiem li jfuħ b'balzmu tal-ġenna,
Sabiex bil-qawwa tal-poeti tagħra
Int għad tlibbisni, tħallinix nistenna
Nisma' bil-ħlewwa jdoqqu l-vrus tal-għana

Li int nebbaht b'xofftejk lil bosta għannejja
Li dejjem kienu s-sejħa tal-ġnus tagħhom.
Inżel nitolbok ta' sikwit hawn ħdejja
Biex jiena b'riħtek għad xi darba magħhom

Inkun ta' ġid lil Arti, u l-għanja sbejħa
Jien nibqa' ngħanni u qatt ma tmut dis-sejħa.

# Wenzu jfittex lil Lucija

*Traduzzjoni ta'* DUN PAWL

*(Jaqbad mal-għadd ta' Settembru, 1944, ta' "Il-Malti" paġ. 86)*

MULEJ!" għajjat Wenzu: "Ismagħha! iġborha miegħek, lilha u liż-żgħira tagħha: Inħaqru biżżejjed! Inħaqru biżżejjed!"

Kif stejqer minn dik id-dehxa li ma bħalha, u, waqt li qed ifittex jiftakar it-triq li għandu jagħmel, biex jara jekk hux ma' l-ewwel triq għandu jikser, u jekk mal-lemin jew max-xellug, jisma' wkoll minn din ġejjin ħsejjes kbar u li ma kellhom x'jaqsmu ma' ta' qabel, ilħna ta' għajat ta' ħkim, ta' krib, ta' biki ta' nisa, ta' twerżiq ta' tfal.

Baqa' sejjer, f'qalbu jistenna dejjem li jiltaqa' ma' Alla jaf liema niket. Meta wasal f'salib it-toroq, lemaħ min-naħa l-waħda ġemgħa kbira nies ġejja 'l quddiem, u waqaf hemm biex iħal-liha tgħaddi. Kienu morda li kienu sejrin jeħduhom Lazzarett, uħud, imkaxkrin, għalxejn kienu jżommu, għalxejn kienu jħambqu li kienu jridu jmutu fuq soddthom, u xejn ma kien jiswielhom li jwieġbu bi kliem ta' sħit għad-dagħa u twissijiet tal-"monatti" li kienu jġorruhom; oħrajn mixjin ħiemda, bla ma juru b'uġigħ, lanqas li kienu qegħdin iħossu minn xi ħaġa oħra, qishom miblugħin, nisa bi trabi ma' għonqhom; tfal im-werwrin mill-għajat, minn dawk it-twissijiet, min-nies li kienu magħhom, aktar milli mill-ħsieb imbiegħed tal-mewt, li bi twerżiq qawwi kienu qegħdin jitolbu lil ommhom u lil dirgħajha l-imġarrba u darhom. Jaħasra! u aktarx li ommhom, li kienu jaħsbu li ħallewha rieqda fuq soddtha, kienet inxteħtet fuqha, għax kienet qabditha f'daqqa waħda l-pesta; u kienet qiegħda hemm mitlufa, biex jeħduha fuq karru lazzarett, jew il-qabar, jekk il-karru jdum ma jiġi. Aktarx, oh ħasra li tistħoqqilha dmugħ ta' mrar aqwa! Li l-omm, midhija kollha bit-tbatijiet tagħha, kienet insiet kollox, lil uliedha wkoll, u ma kellhiex iżjed ħlief ħsieb wieħed: li tmut b'sikkitha.

B'danakollu, f'taħbila hekk kbira xi nies kienu għadhom juru qlubija u ħniena: misserijiet, ommijiet, aħwa, ulied, miż-żewġin, li kienu jwieżnu lill-għeżież tagħhom, u jissieħbu magħ-

hom bi kliem ta' faraġ: u mhux kbar biss, imma tfal żgħar, bnejtiet kienu jmexxu lil ħuthom iċ-ċkejknin, iżgħar minnhom, u, b'għaqal u mogħdrija ta' kbar, kienu jwissuhom biex jisimgħu milli jgħidulhom, u jagħmlulhom tajjeb li kienu sejrin fejn kien hemm min jieħu ħsieb tagħhom biex ifejjaqhom.

Fost is-swied il-qalb u l-ħlewwa ta' dehriet bħal dawn, ħaġa kienet qiegħda aktar tkeddu u żżommu fuq ix-xwiek lill-ġerrej tagħna. Id-dar ma kelliex tkun il bogħod, u min jaf jekk qalb dawk in-nies......

Imma kif għaddiet dik il-ġemgħa kollha ta' nies, u għaddielu dak it-taqtigħ il-qalb, dar fuq il-"monatt", li kien ġej wara, u staqsieh fuq it-triq u d-dar ta' Dun Ferrante. "Mur għand il-mniegħel, ja ċerċur", kienet it-tweġiba li ħa. Lanqas ma ħabbel rasu biex jagħtih dik li kienet tixraqlu; imma kif lemaħ, żewġ meddiet ta' raġel il bogħod, kummissarju, li kien ġej f'tarf dik il-għaqda u kellu wiċċu aktar ta' nisrani, tennielu l-mistoqsija. Dan, juri bil-ħatar in-naħa li minnha kien ġej, qallu: "L-ewwel triq mal-lemin, l-aħħar dar kbira maxxellug."

B'xewqa ġdida u aqwa f'qalbu ż-żagħżugħ ħa għal dik in-naħa. Qiegħed fit-triq; jagħraf malajr id-dar minn qalb l-oħrajn, aktar baxxi u magħkusa; jersaq lejn il-bieb il-kbir, li hu magħluq, iqiegħed idu fuq il-ħabbata, u jżommha fuqha, bejn ħalltejn jekk iħabbatx jew le, bħalma fuq kus qabel ma jtalla' l-polza li fuqha hemm miktuba l-ħajja jew il-mewt tiegħu.

Fl-aħħar jarfa' l-ħabbata u jagħti daqqa b'rieda sħiħa.

Kemm kemm wara tinfetaħ tieqa: mara tgħarrex tara min hemm, b'wiċċ ta' min qed jaħseb ħażin, li donnu jgħid: "Monatti"? Gerrejja tat-triq? Kummissarji? Xjaten?

"Sinjura", qal Wenzu jħares 'il fuq u b'leħen aktarx imriegħed: "Hawn hawnhekk taqdi żagħżugħa mir-raħal, jisimha Luċija?"

"M'għadhiex hawn iktar; itlaq," wieġbet dik il-mara, u qabdet sa tagħlaq.

"Stenna ftit, jaħasra! M'għadhiex hawn iktar? Fejn hi?"

"Lazzarett"; u mill-ġdid riedet tagħlaq.

"Imma, stenna ftit, f'ġieħ is-sema! bil-pesta?"

"Iva. Xi ħaġa ġdida, jaqaw? Mur".

"Imsejken jien! Stenna: kienet magħdura ħafna? Kemm ilu?"

Sa hawn it-tieqa laħqet ingħalqet tassew.

"Sinjura! sinjura! kelma waħda biss, jaħasra! għar-ruħ l-imsejkna mejtin tiegħek! Ma jien nitolbok xejn minn tiegħek: oj!" Imma kien qisu qed jitkellem mal-ħajt.

Imnikket għall-bxara u mdagħdagħ għall-imġiba, Wenzu raġa' ħataf il-ħabbata, u hekk imwieżen mal-bieb, erħilu sejjer iħażżiżha u jilwiha, jarfagħha biex iħabbat mill-ġdid ta' miġnun imbagħad iżommha merfugħa. F'din it-taħwida dawwar wiċċu biex jara jekk mad-dwar kienx hemm xi ġar, li minnu kien minn jaf jista' jikseb xi tagħrif ta' akbar reqqa, xi tarf, xi dawl. Imma l-ewwel u l-wieħed li ra, kienet mara oħra, imbiegħda minnu xi għoxrin medda ta' riġel: li, b'wiċċ li kien jixhed biża', mibegħda, nuqqas ta' sabar, ħiena, b'għajnejn imberrqin, li kienu kieku jridu f'ħin wieħed iħarsu lejh u jħarsu 'l bogħod, tiftaħ ħalqha bħal sejra tgħajjat b'kemm għandha ħila imma żżomm san-nifs, tarfa' żewġ dirgħajn niexfa, ittawwal u tiġbed lura żewġ idejn imkemmxin mitwijin qisħom dwiefer bħal donnha kienet qiegħda tfittex li taħtaf xi ħaġa, kienet tidher li trid issejjaħ in-nies, imma hekk li xiħadd ma jintebahx. Meta għajnejhom iltaqgħu jħarsu lejn xulxin hi ssir aktar kerha, bħal wieħed li nqabad għal għarrieda

"X'il-mniegħel?" beda Wenzu jarfa' hu wkoll idejh lejn il-mara; imma din, jiesha maqtugħ li ġġiegħel lil min jaqbdu għal għarrieda, ħalliet taħrab il-għajta li żammet sa dak il-ħin: 'id-delliek! tuh! tuh! tuh! lid-delliek!'

"Min? jien! ja saħħara giddieba! iskot," għajjat Wenzu u ta qabża lejha biex ibeżżagħha u jġegħelha tiskot. Imma ntebaħ malajr li kien jeħtieġlu aktar li jaħseb għal rasu għat-twerżiq tax-xiħa. bdew jinġabru nies minn hawn u minn hemm; mhux dik il-kotra, li, għal ħaġa bħal din kienet tkun tlitt xhur ilu; imma aktar minn biżżejjed biex kienu jistgħu jagħmlu minn bniedem waħdu dak li kienu jridu. Filwaqt infetħet mill-ġdid it-tieqa u dik il-mara żorra ta' qabel xirfet did-darba, u qabdet tgħajjat hi wkoll: "Aqbduh, aqbduh; għax għandu jkun wieħed minn dawk il-ħajjiena li qegħdin jiġġerrew jidilku l-bibien tan-nies sewwa."

Wenzu ma qagħadx jaħsibha; deherlu minnufih li l-aħjar ħaġa kienet li jeħles minn dawk, milli jibqa' jħaqqaqha magħhom: ta daqqa ta' għajn għal-lemin u għax-xellug, biex jara

fejn kien hemm anqas nies, u żeġġ minn dik in-naħa. Tafa' lura b'daqqa qawwija ta' minkeb lil wieħed li kien qed jagħlaqlu t-triq; b'daqqa oħra fuq sidru raġġa' lura, tmienja jew għaxar meddiet ta' riġel, lil wieħed ieħor li kien ġej jiġri għal fuqu; u telaq b'ġirja ta' żiemel, b'idu merfugħa 'l fuq, magħluqa, imgħaqqda, imhejji għal kull wieħed ieħor li jiġi bejn saqajh. It-triq quddiemu kienet dejjem bla nies, imma warajh kien jisma' taptip tas-saqajn, u aqwa mit-taptip dak il-għajat imqit: "Tih! tih! lid-delliek!" Ma kienx jaf meta kienu ser jieqfu, ma kienx jilmaħ fejn kien jista' jħares rasu. Id-dagħdigħa saret fih telfa id-dieqa tbiddlet fi qtigħ il-qalb: u, jitlef id-dawl, medd idu fuq is-sikkina li kellu, ħariġha mill-għant, waqaf fuq riġlejh it-tnejn, dawwar lura wiċċ l-aktar ikrah u ta' kelb l-iżjed imgħaddab li kien qatt għamel f'għomru; u, b'idu mtawla, ixejjer ix-xafra tleqq, għajjat: "Min għandu l-ħila, jiġi 'l quddiem, ja klieb! ħalli nidilku tassew b'din."

Imma b'għaġeb tiegħu ma' faraġ li kien qed iħoss fil-bogħod, ra li dawk, li kienu jogħtru warajh, kienu waqfu u kienu hemm bħal mifxulin u li, bla ma jieħdu jgħawwu, kienu qegħdin b'idejhom merfugħin il fuq ixejru qishom imġienen bħal lin-nies li kienu 'l bogħod ġejjin għal warajh. Dar mill-ġdid u ra (għax it-taħwida kbira li kien fiha ma kenitx ħallietu jara ftit qabel) karru, li kien riesaq, mhux biss imma serbut ta' karrijiet tal-mejtin imwennsin min-nies, bħal li kien ra qabel; u wara, ftit il bogħod, għaqda nies oħra żgħira li kienu jridu kieku huma wkoll jaħbtu għad-delliek u jaqbduh fin-nofs; imma kienu miżmumin minn xkiel wieħed. Jara ruħu bejn żewġ nirien, ġieh f'rasu li dak, li kien ta' waħx għal dawk, sata' jkun ta' ħelsien lilu; ħaseb li ma kienx il-waqt li jagħmilha tal-meżmieżi; raġa' daħħal is-sikkina fil-għant, inġibed fil-ġenb, raġa' telaq jiġri lejn il-karrijiet, għadda l-ewwel wieħed, u għajnu waqgħet fit-tieni f'wesgħa ġmielha battala. Iqis, jaqbeż: hu fuq, wieqaf fuq riġlu l-lemin, bix-xellug imdendel u dirgħajh merfugħa.

"Offi għalik! offi għalik!" għajtu għajta waħda l-monatti, li xi wħud minnhom kienu sejrin wara l-ġemgħa tal-karrijiet b'riġlejhom, oħrajn kienu bilqiegħda fuqhom, oħrajn, biex ingħidu l-biċċa li tkexxkex kif kienet, fuq l-iġsma mejta, ilegilgu minn kus kbir, li kien qiegħed jagħmel id-dawra. "Offi għalik! kemm għamiltilhom sabiħa!"

"Gejt titqiegħed taħt il-ħarsa tal-monatti; għamel li int qiegħed ġo knisja," qallu wieħed mit-tnejn li kienu fuq il-karru fejn kien tala' hu.

L-għedewwa, kif bdiet riesqa l-ġemgħa tal-karrijiet, il-biċċa l-kbira tagħhom kienu dawru daharhom u sejrin, mingħajr ma jehdew igħajtu: "Tih, tih lid-delliek!" Xi wieħed kien qiegħed jarġa' lura aktar bil-lajma, u jdur lura, b'wiċċ ikrah u tħarrik ta' theddid lejn Wenzu. li, mill-karru kien iwieġeb igħaqqad idu u jxejjer biha.

"Halli lili nagħmel," qallu wieħed mill-monatti; u, wara li ċarrat minn fuq il-ġisem ta' mejjet biċċa moqżieża, għamilha b'ħeffa għoqdiet, għollieha bħal żbandola lejn dawk ta' rashom iebsa, u għamel ta' bir-ruħu sejjer iwaddabilhom, u filwaqt igħajjat: "Stennew ftit, ja klieb."

Għal dal-għamil ħarbu kollha mwerwrin; u Wenzu ma rax iżjed ħlief dhura tal-għedewwa u għeriekeb jiżfnu b'ħeffa, qishom il-għodda tal-mogħdija x-xaqaq.

Qalb il-monatti qam għagħa ta' rebħ, tfaqqigħ ta' daħk qawwi "uh" imtawwal donnu biex isieħeb il-ħarba.

"Ha, ha" tara jekk aħna nafux inħarsu n-nies sewwa?" qal lil Wenzu dak il-monatt: "Jiswa aktar wieħed minna minn mija minn dawk il-ġwejjef. Viva l-pesta, mewt lill-karfa!"

# L-Ewwel Stamperija f'Malta

*Ta'* ĠUŻE' GATT

GHALKEMM il-Gran Mastru ra tgħosfor u tgħib minn quddiem għajnejh kull tama li kellu—li jasal fi ftehim ta' ġieh għalih ma' Ruma, biex idaħħal l-Istampa f'Malta—ma qatax jiesu għal kollox. Laskri baqa' dejjem b'moħħu jħewden u jtektek fuq dil-biċċa, ħalli jara kif jagħmel, jew mil-liema triq kellu jberren, biex ikun jista' jgħaddi u jasal għal dak il-jum mixtieq minnu bi ħrara kbira. Fl-aħħar, wara ħafna taħbil ir-ras, tnebbah b'ħaġa, fejn biha deherlu, li, kemm-il-darba jwettaqha, għandu l-ħila mnejn jasal fil-ħsieb tiegħu, u b'hekk, flok ma jkun daħal mill-bieb, jirnexxilu jdeffes rasu mit-tieqa. Iżda, billi minn dak kollu li ġarrab hu, f'dik il-ħedma ta' qabel li kien għamel ma' Ruma, Laskri basar ukoll x'seta' jkun aktarx ħruġ għażilha. Fuq hekk, ma riedx li jindaħal għaliha hu, biex, kemm-il darba din ma tgħaddix 'il quddiem u sseħħ b'wiċċ il-ġid, ma jkunx deher hu li għamel dik is-sura kerha—ħaġa li kienet tagħti ħafna f'għajnejn in-nies, bħala Sultan ta' Malta.

Biex jagħmilha ta' Ċirinew f'din il-biċċa, inqala' wieħed barrani, iżda sudditu ta' l-Ordni, jismu Pompew de Fiore. Dan, billi kien jaf bix-xewqa kbira li kellu Laskri, ġie 'l quddiem u talab li jindaħal hu biex, bi flusu, jikseb Stamperija u jġib wieħed (Stampatur) jaħdem fiha hawn Malta. Il-Gran Mastru tah, u Pompew irnexxielu jħassel l-għodod ta' l-Istampa, fejn bihom waqqaf l-ewwel Stamperija fi Gżiritna.

Pompew għammar l-Istamperija minn kollox, u hejjieha li tista' tibda taħdem. Iżda, qabel xejn ma jagħti bidu għax-xogħol fiha, deherlu li kellu jaħseb għal rasu, billi jsejjes qagħdietu fis-sħiħ, biex 'il quddiem, ħadd ma jkun jista' jfixklu fis-Sengħa li semmejna—ħaġa li ħadd ma jista' jlumu għaliha.

Għedna li Pompew ried idabbar rasu. Bagħat talba għalhekk lill-Gran Mastru, fejn qallu li jkun ħanin, billi jogħġbu jagħtih li jista' jibda x-xogħol fiha. Iżda xtaq, li dawk in-nies li sa jkollu miegħu, biex jaħdmu fl-Istamperija tiegħu, ikunu meħlusa minn

kull dmir ta' għases (1). Talab ukoll is-setgħa li, barra minnu u minn niesu, ħadd ma jista' jkollu Stamperija oħra f'dawn il-gżejjer. Dis-setgħa kienet tistħoqq li tiġi mogħtija lilu u lil niesu, billi hu kien l-ewwel wieħed li daħħal is-Sengħa ta' l-Istampa f'Malta. U dan irnexxielu jagħmlu wara ħafna taħbit, tiġbid u nfiq ta' flus. Terġa', jekk jagħtih kif talab, dan ikun ta' bosta fejda, tibġil u għajnuna għalih. Mhux biss, imma b'hekk jagħmel ukoll il-qalb u l-ħila lill-oħrajn, biex jitħajru jiġu 'l quddiem u jidħlu għal ħwejjeġ oħra li jkabbru u jagħnu dawn il-Gżejjer f'kollox, kemm fil-għajn u kemm fil-ġid.

Għat-talba li Pompew għamel, il-Gran Mastru tah is-setgħa li, għal 20 sena, li jibdew mis-17 ta' Ġunju, 1642, jista' jħaddem l-Istamperija tiegħu f'dawn il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex. Dis-setgħa tiswa mhux biss għalih, imma għal niesu wkoll li jiġu warajh jew għal dawk li jkollhom is-setgħa minn għandhom biex iħaddmu Stamperija hawn. Dan kellu jissokta jsir u jitwettaq, sa kemm biss dawn jibqgħu jżommu l-Istamperija tagħhom imhejjija dejjem li taqdi għax-xogħol li jista' jinqala'. Tah ukoll li, ma' tul iż-żmien imsemmi, dawk l-erba' min-nies li jitħaddmu fis-Sengħa ta' l-Istampa, ikunu meħlusa minn kull dmir ta' għases (2). Imma biex jistampaw xi ħaġa, imqar żgħira kemm tkun żgħira, qabel trid tinqala' s-setgħa mingħand il-Gran Mastru, jew mingħand dak li jkun maħtur minnu għalhekk. Dis-setgħa, barra milli trid tkun mogħtija bil-miktub, trid tinġieb ukoll fil-ktieb li jinħareġ. Iżda, jekk jistampaw xi ħaġa, jew imqar jaħbtu

(1) Fi żmien l-Ordni, kull min jgħammar f'Malta u jkun jiflaħ, kien irid jagħmilha ta' suldat fil-Milizzja. Iż-żmien kien minn 16 sal-65 sena. Minn dawn kienu jagħżlu dawk li kellhom 18-il sena u mhux aktar minn 60, biex kull meta jmisshom, kienu jagħmlu l-għases bil-lejl ma' tul il-plajja kollha ta' Malta, ħalli jgħassu għat-Torok, li dawn ma jiġux għall-għarrieda u jaħbtu għal Gżiritna. Billi dawn filgħodu jisbħu għajjiena, minħabba l-lejl għassa li jagħmlu, Pompew xtaq li, dawk li miegħu, jiġu meħlusa mill-biċċa xogħol iebsa li semmejna, biex, mal-jum, ikunu jistgħu jiflħu jaħdmu fl-Istamperija tiegħu; u b'hekk ma jintilefx xogħol, iżda jlaħħaq mal-ħedma li tinqala'.

(2) A. A. Gauci, fil-kitba li ġieb fil-"Malta" tal-10 ta' April, 1937, dwar l-Istampa f'Malta, fisser ħażin dan id-Degriet, jew Bolla, tal-Gran Mastru. Gauci qal: "gli diede quattro guardie per vigilare la nuova stamperia," li jfissru: "il-Gran Mastru tah erbgħa min-nies biex igħassu l-istamperija l-ġdida"—għajdun li, kif urejna, ma jaqbel xejn li xejn ma' dak li tgħid l-imsemmija Bolla.

biex jistampawha, mingħajr l-imsemmija setgħa jeħel minnufih il-piena ta' 500 skud tad-deheb, li kellhom jitħallsu lill-Fiskal tal-Qorti (3).

Minn dan id-degriet nieħdu, li milli talab Pompew de Fiore, tista' tgħid, qala' kollox mingħand il-Gran Mastru. Haġa waħda ma kisebx : il-għamla tal-privattiva ta' kif xtaqha u rieda hu, billi, flok għal dejjem, Laskri tahielu għal 20 sena biss, għax hekk tiġi tfisser, fi kliem ieħor, il-grazzja li tah. Ara kemm. Mitħeddida li saritlu, wieħed għandu malajr jintebah, jaqbad u jifhem li, dik li tah, ma kenitx ħaġ'oħra, għajr privattiva, ladarba għamillu ftehim li din tibqa' għandu, sakemm biss iżomm l-Istamperija f'qagħda li tista' tlaħħaq max-xogħol. Inkella din tispiċċa, billi l-Gvern jibda jħoss ruħu li hu maħlul li jista' jagħti s-setgħa lil xi ħadd ieħor li jdaħħal Stamperija hawn huwa wkoll.

Tabilħaqq dak li Pompew talab, ma kienx jidher li hu xi ħaġa kbira, iżda hu minnu wkoll li, b'dak li xtaq jikseb, ried jorbot lill-Ordni rabta sewwa u għal dejjem—ħaġa li l-ebda Gvern ma jitħajjar, anqas għal ħin wieħed biss, li jidħol għaliha. B'danakollu, għalkemm l-Ordni ma qagħadx għax-xewqa ta' Pompew, bli qala' dan mingħand il-Gran Mastru, kiseb żmien biżżejjed biex jistgħall sewwa mill-ġid li setgħet troddlu u tagħtih l-Istamperija li kellu, bi ħlas tat-taħbit li tħabat u l-flus li nefaq fiha.

Meta Pompew tħajjar jindaħal biex jixtri l-għodod ta' l-Istampa, ħa ħsieb iħassel ħaġa sewwa mill-ewwel, għax, milli jidher, l-Istamperija tiegħu ma kenitx żgħira, iżda mdaqqsa sewwa, ladarba setgħu jitħaddmu erba' min-nies fiha, sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha. Terġa' u tgħid, dan jidher ukoll mill-għamla tal-privattiva li qala', billi l-Gran Mastru din tahielu taħt ftehim, li l-Istamperija jibqa' jżommha mhejjija dejjem għax-xogħol li jista' jinqala', inkella jitlef kull setgħa dwarha. Li kieku l-għodda li Pompew kellu, kienet żgħira, dan ma kienx jista' jaqdi biha u jlaħħaq ma' kull għamla ta' ħedma li jitolbu minnu n-nies ta' dawn il-Gżejjer, u, fuq hekk, il-Gran Mastru ma kienx jagħtih ukoll setgħa ta' dik il-qatgħa, billi jintrabat għat-tul taż-żmien li semmejna.

(3) Ark. ta' l-Ord., vol. 470, paġ. 284. Il-Fiskal tal-Qorti ta' dari, kien l-Attorney General tal-lum.

Mela, l-ewwel Stamperija li nibtet fi ħdan l-għażiża Omnna Malta, ma kienet xejn ta' għajb għall-biċċa l-kbira ta' l-Istamperiji li l-lum għandna.

Għalkemm Pompew de Fiore kien l-ewwel wieħed li daħħal u għana lil Gżiritna bis-sengħa ta' l-Istampa, huwa nnifsu ma kien Stampatur xejn. Pompew kien biss is-sid tagħha, bla ma kien jaf jaħdem xejn fiha. Ix-xogħol ta' Pompew f'Malta kien bħala skrivan fil-Fran ta' l-Ordni—f'dawk il-fran li dari kien hemm f'"Old Bakery Street" (Strada Forni), quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt. Iżda, terġa' dan kien għall-bidu talħedma tiegħu hawn. Maż-żmien ħa f'idejh it-tmexxija u t-treġija ta' l-imsemmija Fran, flimkien ukoll ma' dawk iż-żewġ imtieħen li dari kien hemm fuq Putirjal, biex jieħu ħsieb it-tħin li jsir fihom.

Billi l-Ordni kien jaħseb 'il quddiem wisq, ra li aktar jaqbel li l-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ ifarfarhom minn fuq dahru u jagħtihom bl-appalt, milli jwaqqaf Dipartimenti għalihom u jitgħabba b'nies imħallsin minnu, biex jeħdulu ħsieb tagħhom huma. Għalhekk insibuh jagħti bl-appalt ukoll fejn kienu jindaħlu ġbir ta' taxxi. U fost l-oħrajn, l-Ifran, il-Boll ta' fuq il-ħobż, il-Biċċerija, il-logħob fl-ibliet (4) u fil-Mall (5). Sax-xwieni ġie li xi drabi kien jagħti bl-appalt, għal dak li hu dwar il-ħsieb u t-tgħammir meħtieġ tagħhom, għall-ikel u ħlas tan-nies ta' fuqhom u għall-ilbies

---

(4) Fi żmien l-Ordni, kien jista' jsir il-logħob tal-karti fl-ibliet biss, jiġifieri fl-irħula lè. Naħsbu aktarx li kien maqtugħ li jsir hekk, billi l-Gvern ma kienx jista' jżomm għajneih fuq il-lagħaba fl-irħula bħalma fl-ibliet, fuq li, f'dak iż-żmien, ftit li xejn ma kien hemm nies tal-Ħaqq fihom. Min jieħu l-appalt tal-logħob, kien iqassam il-karti f'dawk il-ħwienet biss li jiftiehem magħhom dwar kemm kellhom jiġbru u jagħtuh minn kull logħba li ssir. L-akbar qatgħa fil-logħob kienet tista' tkun sa 8 rbgħajja biss. U dan kien isir fi żmien meta n-nies bi rbiegħi kienet tgħaddi l-jum mhux ħażin.

(5) Għalkemm il-Mall sar mill-Gran Mastru Laskri għal xi logħob tal-Kavallieri, maż-żmien dawn telquh. Beda jingħata bl-appalt, u fih kien jista' jidħol kulħadd għal-logħob tal-balla. Iżda, billi nkixef li kien ġed isir logħob oħxon, ħareġ Bandu, fejn ġie mwissi li ħadd ma seta' jilgħab b'aktar minn 12 l-irbiegħi (skud), f'kull logħba li ssir.

tal-qaddiefa : banavolji, ilsiera u ħabsin (6).

L-ewwel darba li Pompew ħa l-Ifran ta' l-Ordni f'idejh, kien fl-20 ta' Settembru, 1637 (7). U taħt il-ħsieb tiegħu damu għal bosta snin, kif jidher mill-kotba ta' l-Ordni li hemm il-Bibljoteka. Għalhekk, meta dan ġieb l-Istamperija tiegħu hawn, fl-1642, qegħ'dha fihom, ħalli tkun taħt għajnejh sewwa, billi hemm ukoll kienet daru. Naħsbu li din kienet f'xi dar milli dari kien hemm fit-Trieq id-Dejqa, qabel ma sar il-"Vincenti Buildings".

Billi, bħalma għedna iżjed lura, Pompew ma kienx Stampatur, kellu jara minn fejn jikseb xi wieħed, biex ikun jista' jagħti bidu għax-xogħol fiha. Iżda bit-tħabrik kollu li għamel, ma rnexxielu jsib lil ħadd. Fl-aħħar, għal din il-biċċa xogħol, tqanqal il-Gran Mastru, billi ndaħal jikteb barra, lin-nies tiegħu, fejn talabhom biex isibulu Stampatur, u jħajruh jiġi lejn Malta.

Għar-rieda tal-Gran Mastru wieġeb malajr ir-Riċevitur ta' l-Ordni li kien hemm f'Messina, jismu Fra Federik Gotho. Dan irnexxielu jsib wieħed, u bagħtu fis lejn Malta. Miegħu bagħat ittra lill-Gran Mastru, li ġġib il-jum 30 ta' Ottubru, 1642. L-ittra wassalha hawn l-Istampatur innifsu.

Gotho bagħat igħarraf lil Laskri li, dak li sa jagħtih l-ittra, jismu Marju Villari. Dan jinqala' ħafna bħala Stampatur. Hu minn Messina, iżda bagħat għalih u ġiebu mill-Kalabrja, fejn,

(6) Fi żmien Laskri, l-Ordni kellu 6 xwieni għat-tbaħħir. Waħda minnhom imsejħa l-Kaptana, billi fuqha jkun hemm il-General tax-Xwieni—dak li l-lum ngħidulu l-Armirall. Għaż-żamma tagħhom, kienu jintefqu mal-160,000 skud fis-sena. F'Settembru tal-1637, indaħal għalihom il-Balliju Valdina. L-appalt ħadu għal erba' snin. Kull xini b'20,000 skud fis-sena, iżda l-Kaptana bi 23,000. B'hekk il-Gvern irnexxielu jeħles minn nefqa ta' aktar minn 36,000 skud fis-sena li kellu fihom, meta kien jieħu ħsiebhom hu.

Il-Kaptana kellha 190 ruħ ta' l-ekwipaġġ. Bħala qaddiefa kellha 284 bejn ilsiera u ħabsin, flimkien ma' 90 ruħ oħra banavolji. Kull waħda mill ħames xwieni l-oħra, kienet iġġib 163 ruħ ta' l-ekwipaġġ, 210 lsiera u ħabsin u 70 bonavolji. Bi ħlas, il-baħrin kellhom 10 ħabbiet kull jum, u kienu jgħidulhom "gente di capo". Il qaddiefa, ħabba kulljum, bħala kumpanaġġ, u msejħa "gente di ciurma". Biss, meta l-bonavolji jidħlu ma' l-Ordni, jieħdu għadd ta' flus u jintrabtu għal xi żmien. Iżda dawn kienu jistgħu jinħallu kull meta jridu, basta jroddu lura l-flus li ħadu, wara li jinqatgħalhom minnhom taż-żmien li kienu għamlu bħala ħ'as ta' qaddiefa minn rajhom. Habta tal-1760, bdew idaħħlu wkoll baħrin bħala qaddiefa fuq ix-xwieni. Lil dawn tawhom l-isem ta' "Passavolanti".

Fiż-żmien li qed insemmu, il-ħabba kienet tissarraf f'6 dwiener.

(7) Ark. ta' l-Ordni, vol. 737 ,pag. 81.

minn xi snin 'l hawn, kien qed jaħdem hemm fis-sengħa tiegħu tajjeb ħafna, bla ma ustama' ebda tgergir dwaru. Dan għamlu bil-ħsieb li jibagħtu lejn Malta, biex jidħol għax-xogħol u l-ħedma fit-twaqqif ta' l-Istamperija hemm, bħalma hekk huma l-għoġba u l-amar tal-Gran Mastru.

Meta Villari wasal Messina, sewsuh ħafna biex jibqa' f'artu u ma jiċċaqlaqx minn hemm. Iżda kien kollu ta' xejn, għax ma darx għal dak li qalulu, billi ried iġarrab xortih f'Malta. Għalhekk Villari telaq bil-qalb kollha, mixtieq u mlebleb, biex juri deħwitu li jaqdi tajjeb u bi bżulija sewwa fis-sengħa tiegħu, bħalma hekk huwa (Gotho) jittama li jsir.

Gotho ma għamel ebda ftehim miegħu, dwar kemm ħlas għandu jkollu ta' ħedmitu, billi Villari ried li fuq dil-biċċa, jiftiehem meta jkun Malta. U dan wiegħed li kellu jagħmlu bla tkabbir ta' xejn. Biss għaddielu 40 uqija flus bħala għajnuna, barra milli tah ukoll xi ħaġ'oħra biex tagħmillu tajjeb għalih innifsu. Il-flus li ħa, kellhom jinqatgħu mill-ħlas li jkun imissu ta' kull jum, kemm-il darba jsaddad fix-xogħol tiegħu. Iżda, jekk jibqa' u ma jiftiehemx dwar senegħtu, kien fid-dmir li jrodd il-flus li tah, barra dawk biss li jkun ħtieġ biex ġie f'Malta u jerġa' lura lejn artu.

Fl-aħħar ta' l-ittra, Gotho reġa' tenna, lill-Gran Mastru, li dwar Villari kellu tagħrif li hu jinqala' tajjeb fis-sengħa tiegħu. Għalhekk, it-tama ta' Gotho kienet li dil-biċċa tirnexxi tajjeb f'kollox (8).

U hekk kien, għax għaddiet il quddiem sewwa, billi Pompew beda jħaddem lil Villari u xi nies oħra fl-Istamperija tiegħu.

Meta l-Gran Mastru Laskri ra sseħħ u titwettaq ix-xewqa li kellu bis-saħħa ta' Pompew de Fiore, ried li jissokta jgħin lil dan, ħalli jagħmillu aktar il-qalb fix-xogħol tiegħu. U biex jasal f'dan il-ħsieb, fil-25 ta' Mejju, 1644, ħareġ Prammatka (Liġi). Din kienet tgħid li, billi t-twaqqif ta' l-Istampa fl-ibliet tista' tkun ta' bosta fejda u ta' ġid għal kulħadd, is-Slaten dejjem taw privileġġi u prerogativi lil min idaħħalha. Għalhekk, billi Pompew de Fiore kien li daħħalha hawn, ġie maqtugħ li, tul għaxar snin, ħadd ma jista' jdaħħal u jbiegħ f'Malta, għall-ebda ħaġa, il-kotba tas-*Santu Kruċ*, *l-A.B.Ċ.*, *Psalterji*, *Dunatì*, *Duttrini*, *Luni Nuo-*

(8) Traduzione dei Regj Commissarj d'Inchiesta. Malta, 1838, paġ. 29.

*vi, Pronostki, Indulġenzi* li jinqdew bihom f'Malta, l-*Evanġelju ta 'San Ġwann* u l-*Virtù tal-ġebla ta' San Pawl*. Terġa', kulmin għandu minn dawn il-kotba, fi żmien tmint ijiem, kellu jeħodhom fl-Istamperija li kien hemm fil-Fran ta' l-Ordni. Min jikser dan l-amar, barra milli jeħel li jħallas 10 skudi lill-Fiskal, kien jitlef ukoll il-kotba li jkollu, billi jeħduhomlu (9).

*Għalkemm il-privattiva li ġiet mogħtija lil De Fiore, titkellem dwar kotba żgħar biss, m'għandhiex t'ttieħed li b'hekk tfisser li, l-Istamperija li kellu kienet dgħajfa mis-saħħa u li ma tiflaħx tistampa kotba wkoll kbar. Huwa kien jaqbel li f'Malta toħroġ xi Liġi biex ma jiġi ebda ktieb hawn? Naħsbu li anqas qatt ma seta' jsir dan, ukoll li kieku l-Istamperija ta' de Fiore kienet l-akbar waħda li kien hawn fid-dinja f'dak iż-żmien.

/ Mela, il-ħsieb tal-Gran Mastru ma kienx ħaġ'oħra, meta ħareġ il-Prammatka li semmejna, għajr li dawk il-kotba żgħar li drabijiet oħra kienu jiġu minn barra, għall-qadi ta' dawn il-Gżejjer, jidraw jistampawhom hawn,/ ħalli b'hekk igħin, biex ma jonqosx, kemm jista' jkun, ix-xogħol lill-ewwel Stamperija li twaqqfet f'Malta u l-waħdanija li kien hawn—dik biss ta' Pompew de Fiore.

*(Jissokta)*

---

## IL-KUMITAT GHAS-SENA 1946-47

F'laqgħa ġnerali tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, ingħażel il-Kunsill ta' hawn taħt għas-sena 1946-47 :

*Presidenti Onorarji* : Is-Sur Ġino Muscat Azzopardi; Monsinjur Dun Karm Psaila, D.Litt; Prof. Dun P. P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lict.S. Script.

*Viċi President Onorarju* : Mons. Dun Pawl Galea, J.C.D.

*President* : Dr. Kav. Ġ. Galea, M.D., D.P.H.

*Viċi President* : Is-Sur Nin Cremona.

*Segretarju* : Is-Sur Ġ. Chetcuti.

*Teżorier* : Is-Sur Vict. Apap.

*Membri* : Is-Sur Nikol Biancardi; is-Sur Alf. M. Borg; Dun Frans Camilleri; Patri Ġ. Delia, S.J.; is-Sur Ġużè Ellul Mercer; is-Sur Ġorġ J. Ransley; Patri. Lett. Akkursju Xerri, O.F.M.; l-Onor. Karmenu Vassallo; is-Sur Godfrey Zarb Adami.

---

(9) Mss. Bibl. 23, paġ. 294.

# Kritika Letterarja

## Originalità vs Sincerità

Wara li qrajt bid-dehwa u bl-akbar għoġba kullma fih *Il-Malti* ta' Diċembru, 1945—inkluża saħansitra l-kitba li hemm fuq in-naħa l-oħra talqoxra tiegħu roża—ħtieġli, kontra xewqti u kontra qalbi, nieqaf niżen u ngħarbel kemmxejn aktar fit-tul mill-bqija l-kontro-kritika li A.J.V. għoġbu jħażżeż dwar il-poeżija ta' Ninu Cremona.

Qabel ma ngħaddi biex infisser ħsiebi u fehmti dwar dak li laqatni l-iżjed u darrasni xi ftit ukoll f'din il-kontro-kritika, nixtieq il-lum u hawnhekk nistqarr b'qawwa ta' ġurament illi jien qatt ma nqdejt bil-verb "ħażżeż" *f'sens dispreġjattiv;* imma, bil-maqlub, ta' kull meta u kull fejn *ħażżiżt* din il-kelma, jien dejjem *ħażżiżtha* bil-ħsieb, bil-għan, bit-twemmin u bil-konvinzjoni li kont qed nużaha fis-*sens etimoloġiku* tagħha l-aktar safi, tajjeb u nobbli. Kieku xi darba fhimt jew ridt tabilħaqq inżeblaħ jew immaqdar xi kitba jonkella xi kittieb, f'dak il-każ jien dejjem stajt sibt u nqdejt bi kliem ieħor bħal "ħarbex", "ċaflas", "ċallas", "għaffeġ", "għassed", u x'naf jien! Iżda dan jien m'għamiltux. U kieku biss ħsilt għamiltu, wieħed imbagħad kien ikun jonqsu jara mhux xi tfisser din jew dik il-kelma weħidha u fiha nfisha, imma x'ridt ingħid u nuri biha jien kollox ma' kollox. Għax, wisq drabi, mhix din jew dik il-kelma *per se* li tixhed ġieh jew għajb, tifħir jew tmaqdir, żegħil jonkella swat; imma huwa t-ton u d-daqq li tieħu wara li wieħed ikun rabatha, nisiġha u dammha flimkien mal-bqija tal-kliem l-ieħor kollu kif imlissen jew miktub minn *Habbu* jew *Obogħdu*.

Issa niġi għal dak li ridt ingħid fil-bidu. Iżda qabel ma nidħol fil-qalba ta' l-argument tiegħi, nixtieq li wieħed iħallini nagħmel qrara personali. Jien, biex tkunu tafuha, lil min iħobb jistaħba wara subgħajh, jew jitfa' l-ġebla u jaħbi idu, ma naħmlux; kif ukoll lil min ma jistħix jipprova jidrobni f'dahri, jien ma nibżax nipprova ninfdu b'sejf f'sidru. Fi ftit kliem, l-ipokrisija ma nistax għaliha. Għax jien jidhirli u nifhem li min m'għandux faħam miblul, m'għandux għalfejn jinħeba jew jibża'. Jinħeba jew jibża', fil-fehma tiegħi, min hu biss ġifa, raġel tat-tiben jonkella ħalliel. Jibżgħu mid-dawl ulied id-dlam; jaħarbu s-sewwa u l-ħaqq ulied id-dnewwa u l-faħx; jaqtgħu qalbhom u ma jidħlux b'wiċċhom mikxuf fit-taqbida jew dawk li huma ġwejjef minn qaddis ommhom, jew dawk li huma ta' ħila dgħajfa, jonkella dawk li jafu li m'għandhom xejn għajr x'jitilfu!

Minn kullma tarraft s'issa b'mod astratt u ġeneriku, għandu mnejn xi ħadd intebaħ u nduna diġà biex jien ġej u xinhu t-tir ta' rasi. It-taqbida moħbija li tqanqlet mis-6 ta' Diċembru, 1945, 'l hawn dwar il-poeżija ta' Ninu Cremona! Dan hu li jien il-lum u hawnhekk nixtieq u rrid nirrileva, bit-tama li fettuqiet bħal dawn ma jaqgħux aktar taħt għajnejna mil-lum 'il quddiem.

X'kien il-qofol ta' kullma ġara u nqala' dwar il-poeżija ta' Ninu Cremona kif tidher fl-aħħar ktieb tiegħu mgħammed "Rand u Riħan"? Il-qofol ta' kollox kienu tliet psewdonimi—tliet ismijiet li juru ħaġa b'oħra, ismijiet fittizji u wieħed minnhom misruq, u għalhekk ħwejjeġ li m'għandhom għalija ebda siwi ta' verità u l-ebda valur legali!

Il-biċċa kollha kienet din: *Kritku* attakka lil *G.G.** talli dan, bla ma ġieb għadd ta' provi biżżejjed jew għallinqas argument wieħed sod u konvinċenti, kien stqarr f'"Il-Berqa" tas-6 ta' Diċembru illi "il-poeżija ta' Ninu Cremona hi xi ħaġa wisq iżjed oriġinali milli s'issa qrajna, sew filforma kemm fil-ħsieb"; u *A.J.V.*, f'"Il-Malti" ta' Diċembru, qabeż għal *G.G.* u attakka lil *Kritku* talli dan, minn għala *A.J.V.*, "bena l-fehma tiegħu fuq kriterju li hu nieqes mis-sens tal-proporzjon, jekk mhux ukoll imqanqal minn sentimenti ta' għira tat-tfal."

Issa min għandu raġun u min għandu tort minnhom? Qabel xejn, madankollu, min jista' jaħlef li *G.G.* u *A.J.V.* mhumiex fula waħda maqsuma? Terġa' min jista' jiżgurana li l-fehma ta' *A.J.V.* mhix dik li *Kritku*, flok bniedem wieħed, isarraf tnejn? U jekk *G.G.*, *Kritku* u *A.J.V.* naqsu, f'in u fiex naqsu? Ngħidilhom jien. Naqsu u għandhom ħtija: l-ewwelnett talli nsatru u nqdew b'ittri jew b'kelma li setgħu fissru għallqarrej bniedem li ma kienx hu; it-tieninett talli, min inqas u min iżjed, eżaġeraw it-tajjeb u l-ħażin ta' xulxin, barra milli għamlu każ ġeneriku minn każ wieħed speċifiku; it-tielet u l-aħħarnett talli wieħed minnhom, qabel il-waqt u forsi bla ma kellu għalfejn, indaħal biex jiddefendi xogħlu u jilqa' u jħares lilu nnifsu bil-quddiem donnu bil-għan li jikseb supremazija fuq sħabu jonkella monopolju assolut f'dak li hu qasam letterarju Malti: fil-waqt li l-ieħor, biex jirreaġixxi malajr u tajjeb, sata' ta x'jaħseb jew x'jissuspetta lil xi ħadd li hu kellu aktarx f'moħħu dak li fuqu xela lil ta' qablu.

Barra minn dan, kif nifhimha jien, *Kritku* u *A.J.V.* għamlu dnub ieħor: dak li, b'xi mod u sa ċertu punt, warrbu s-sewwa u l-ħaqq minnofs bil-ħsieb ewlieni li jikxfu agħwar xulxin. Ta' l-ewwel xela lil Ninu Cremona bħala plaġjarju—u ta' dan ġieb provi ċari f'"Il-Berqa" tad-19 ta' Diċembru, 1945. U ta' l-aħħar xela lil ta' l-ewwel bħala wieħed li jbati bil-għira tal-vavi—kif naqraw f'"Il-Malti" ta' Diċembru, p. 127. F'kelma waħda, kif iżommu lil xulxin *Kritku* u *A.J.V.* qaluhulna huma nfushom. Dak li jonqosna nkunu nafu dwarhom hu minhu l-aktar vavu jew l-anqas raġel fosthom jonkella humiex irġiel u vavi ndaqs it-tnejn!

B'danakollu ma rridx niċħad li l-kustjoni li fuqha tlewmu hi ta' l-akbar importanza u serjetà. Għax fil-ħaqq u fis-sewwa m'hemm xejn egħżeż u aqwa mill-oriġinalità sew f'biċċa proża letterarja kemm f'biċċa xogħol poetika. Iżda jien, aktar milli fuq *oriġinalità ta' versi* xtaqthom kieku tlewmu fuq dik li hi *sinċerità ta' għemejjel*—sinċerità li, milli jidher, ħadd minnhom ma għandu. B'daqshekk, il-punti li qajmu wieħed kontra l-ieħor ma jitilfu xejn mill-validità tagħhom. *Kritku*, biex juri kemm Ninu Cremona mhux oriġinali fi vrusu, jaqbadlu waħda mill-poeżijiet tiegħu u jqabbilhielu kważi vers b'vers, anzi kelma b'kelma, ma' dik ta' Felice Uda: *La mamma è malata*; fil-waqt li *A.J.V.*, biex isseddaq l-oriġinalità tal-versi ta' Cremona, iwiddeb lil *Kritku* u jgħidlu li l-*poeżija oriġinali* m'għandux ifittixha "fil-melodija tal-versi biss". Aktar tgħajjir u botti milli argumenti u raġunijiet loġiċi! Imma, nistaqsi jien, jekk *G.G.* kien jaf li l-poeżija "Ommkom Marida" ta' Ninu Cremona mhix ħlief imitazzjoni totali jew parzjali tal-poeżija bit-Taljan "La mamma è mala-

---

* *G. G. ma hux it-Tabib Ġużè Galea.*—Diretur.

ta'' ta' Felice Uda, x'riedha u għalfejn semmieha s-*super-originalità* tal-poeżija ta' Cremona?! U jekk *Kritku*, min-naħa l-oħra, kien jaf li Cremona, għajr din il-waħda, l-ebda poeżija oħra m'għandu li mhix tiegħu, x'ried joqgħod iċanfru fil-pubbliku bħala plaġjarju?! U lili, fl-aħħar mill-aħħar, x'kien li daħħalni bejn il-basla u qoxritha? Ngħidilkom.

Lili daħħalni fil-ġlieda *A.J.V.* li, wara li tenna f'"Il-Malti" l-ismijiet tal-poeti li magħhom *Kritku* qabbel lil Ninu Cremona f'"Il-Berqa" tad-19 ta' Diċembru, 1945, ismi ħallieh barra u njorah għal kollox. U dan lili, bħala poeta u bniedem politiku, ħassibni ħażin. Għax meta *A.J.V.*, barra ismi u isem Ġużè Chetcuti, tenna l-ismijiet tal-bqija tal-poeti li *Kritku* kien semma qabel, dan lili ġagħalni nifhem li *A.J.V.* bi *Kritku* fehem ifisser K. Vassallo u G. Chetcuti f'daqqa— *a combined operation*! Fil-waqt li dan mhuwiex minnu. Hekk mhuwiex minnu, li jien imħejji u lest biex nistqarr taħt ġurament illi "Rand u Riħan" għadu s'issa ma ġiex f'idejja billi x-xorti għadha sa dal-ħin ma ħasslitlix sitt xelini fuq ir-riħ biex inkun nista' nixtrih.

U issa, wara li stqarrejt ċar u tond kullma kelli xi ngħid, nitlob lil *G.G.*, lil *Kritku*, lil *A.J.V.* u lil Ninu Cremona magħhom iħalluni ntemm u nagħlaq din il-kitba bi twiddiba, li mhix ħlief verità mill-bidu sattmiem. Lil dawn nixtieq ngħarrafhom jekk għadhom ma jafux, illi "Malta żgħira u n-nies magħrufa"; illi l-kittieba u l-poeti Maltin huma ftit, hekk ftit li jżommu u jagħirfu xogħlijiet xulxin daqskemm nemes ixomm u jagħraf fenek salvaġġ; u illi, fl-aħħarnett, "ħmar liebes ġild ta' ljun" u la jirnexxilu jbażża' lpup u tigri billi jinħaq u lanqas jirnexxilu jagħlibhom billi jipprova jaħbi dnubu ta' iblah li hu!

9. 2. 46. K. VASSALLO.

---

# F'Gieh il-Haqq u s-Sewwa

MA jidhirlix li għandi għalfejn nibqa' nistaħba taħt psewdonimu. Illum qed nuri ismi, għax il-ħsieb tiegħi hu li nieħu r-responsabbiltà kollha ta' dan li qed nikteb, issa li l-polemika ħadet dix-xejra hekk serja. Ħriġt għall-ewwel taħt isem ieħor għax naf hawn Malta, b'xorti ħażina, il-kritka kif tittieħed. Fil-kritka, kostruttiva u miktuba bil-ħaqq, ma jarawx dik is-setgħa li tiftaħ il-għajnejn, turi l-ħażin u tgħallem, imma jqisu li hi, kif igħid A.J.V., "imqanqla minn sentimenti ta' għira ta' tfal". Dan li ħassibni u għalhekk għall-ewwel ma wrejtx ismi. Nistqarr, dak li għidt u ktibt mhux imnissel la minn għira u lanqas minn mibegħda (għax għandi ngħir u nobgħod ħabib tiegħi li għamel ġid kbir lill-Malti?), imma minn sens ta' ħaqq, għax ridt nuri li min jiġi biex jikteb fuq xi poeta jew prożatur, hu min hu, m'għandux jintilef f'ħafna tifħir fieragħ, bla bżonn, forsi bi ħsara ta' kittieba oħra. Dak li hu ħażin il-kritku għandu jurih. Jeħtieġ nidrawha hawn Malta, ma nsemmux is-sabiħ biss. Ikollna l-kuraġġ morali li nuru fid-dawl tax-xemx dak li hu ikrah u ħażin. B'hekk biss li nistgħu nitgħallmu u fl-istess ħin ingħallmu.

Tajjeb li ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma, u n-nuqqasijiet jintwerew biex iservu ta' tagħlima għal kulħadd, l-aktar għall-kittieba żgħażagħ li minnhom nistennew futur mill-isbaħ ta' letteratura kbira. Ngħid għalija, inħossni ferħan u mkabbar jekk xi ħadd, fil-kitba tiegħi, jurini fejn inqast, biex 'il quddiem ma nerġax naqa' fl-istess għiltijiet u ħotob. Naf li ħadd ma hu perfett, u żgur li jien miniex.

Ngħidha b'wiċċi minn quddiem, lil Ninu Cremona nirrispettah bil-qawwa ta' qalb żagħżugħa li ħabbet sħiħ l-Ilsien Malti, għax fih nara l-ħaddiem mill-iżjed ħabrieki u l-pijonier ta' kull ħaġa sabiħa u kbira fi Lsienna. Wettaq ħidma kolossali, tana xogħlijiet li jistħoqqilhom tifħir, u ismu għandu jibqa' mnaqqax fl-istorja tal-Lsien Malti.

In-nuqqasijiet, kbar għax fihom jiġbru każijiet koroh ta' plaġjariżmu, ma nħossx li għandhom igħajbu u jitfu l-isem sabiħ li bena Ninu Cremona fil-qasam tal-letteratura tagħna. Imma l-ġudizzju nħallih f'idejn min irid jikteb l-istorja letterarja ta' lsienna.

Inwieġeb qabel xejn għal xi xiljiet li għamel kontrija A.J.V.

"*Xi ħadd* " qal A.J.V., "*fisser il-fehma illi lil Cremona ma nistgħux insejħulu poeta.*" Sewwa sew jien għidt: "*Lis-Sur Nin Cremona nafuh u nżommuh bħala grammatiku kbir... dan ma nistgħux ngħiduh għal Ninu Cremona bħala poeta.*" Fi ftit kliem ridt ingħid illi lil Ninu Cremona ma nistgħux inżommuh bħala poeta *kbir*. Din il-fehma nibqa' nsostniha u nwettaqha bi provi ċari.

Qabel xejn, d'l-fehma ġa ġiet imfissra mill-istudent (il-lum Professur) Ġużè Aquilina fl-1933 fi studju li għamel dwar il-"Weraq mar-Riħ": "Is-Sur Nin Cremona hu magħruf fostna aktarx bħala studjuż tal-filoloġija, milli bħala poeta".

Il-poeżija ta' Ninu Cremona ma tista' qatt tkun kbira, għax ma għandhiex, l-ewwelnett, l-element ta' l-*ispontaneità*—ma fihiex dak is-seħer u dik il-qawwa li toħroġ minn rajha mill-qalb. Jidhru l-biċċa l-kbira tal-versi ta' Cremona mqanżħin u bla ħajja; fi kliem il-Professur Aquilina: "Cremona hu iebes fil-bini tal-ħsieb u, imqar fl-aħjar tiegħu, trid tħabbat rasek biex tifhmu." (*ibid*).

Ma tistax tkun kbira, għax m'hemmx *carezza* u *sempliċità*: l-immaġinazzjoni hi mxekkla b'ħafna versi ebsin, b'idijat ġo xulxin mhux la kemm tifhimhom, bi kwadri u xbihat impittra b'mod li taqla' ruħek sa-kemm tasal biex tagħraf dak li kellu fi ħsiebu l-kittieb, b'dehriet bla ġmiel, u fejn hemm il-ġmiel hu mdennes u mfajpar għax mhux muri b'dik is-sempliċità u ħlewwa li tingħoġob u tħalli wrajha impressjonijiet sħaħ u qawwija.

Il-poeżija, maħruġa f'waqt ta' ispirazzjoni minn ruħ il-poeta, trid tqanqal mill-qiegħ il-qalb u r-ruħ tal-qarrej: dik tabilħaqq tkun poeżija sabiħa u li nistgħu ngħidu li tkun ħasslet ħajja twila.

A.J.V. qal: "*Il-ħsieb profond, għalkemm xi mindaqqiet mudlam... fil-versi ta' Cremona...*" Nista' niżgurah li aktar minn nofs il-versi ta' Cremona huma oskuri, imtaqqla bi kliem u b'kostruzzjoni iebsa għall-aħħar. U l-oskurità fil-poeżija mhijiex xi don, imma nuqqas kbir ħafna. Għaliex il-poeta għandu jogħġob u jqanqal b'dak li jikteb, u biex jagħmel dan irid ikollu d-don ta' l-ispontaneità, sinċerità u sempliċità li Ninu

Cremona m'għandux. Edgar Allan Poe kiteb "the immediate object of a poem is pleasure". T. S. Eliot wettaq dan meta qal "poetry has to give pleasure". U l-fehma ta' Chapman hi illi "Obscurity in affectation of words and indigested conceits is pedantical and childish" ("The Poetry Review", January-February, 1944).

U hi din l-oskurità li teqred is-saħħa tal-biċċa l-kbira tal-ħsibijiet ta' Cremona. Dan-nuqqas insibuh ukoll f'għadd ta' bċejjeċ mid-dramm tiegħu "Il-Fidwa tal-Bdiewa", iżda, minn naħa l-oħra, nistqarr li, bħala l-ewwel dramm suret in-nies bi Lsienna, jistħoqqlu kull tifħir. Il-prologu hu xi ħaġa tassew sabiħa. Il-ġmiel tiegħu narawh mill-fatt li hu mfisser ċar kemm jista' jkun u ma tridx tħabbat rasek biex tifhmu. Il-versi ħfief u mexxejja, qishom l-ilma ċar għaddej jiġri minn ġol-widien.

Dwar "Il-Fidwa tal-Bdiewa" jidhirli A.J.V. eżaġera fit-tifħir tiegħu u b'daqqa ta' pinna, waqt li għolla mogħla s-sema "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ċekken u kważi ġieb fix-xejn ix-xogħlijiet kollha li għamlu "poeti oħra mejtin jew ħajjin fil-letteratura Maltija". Aktar 'il quddiem A.J.V. ikkritikani għax jien, qal, ġibt paraguni "bejn versi ta' wieħed u ta' ieħor". Il-paraguni u t-tmaqdir ta' poeti oħra bdiehom G.G. Dan kien il-bidu tan-nuqqas ta' etiketta li kellu jara A.J.V. U hawnhekk ukoll kien A.J.V. nnifsu li, bla ħaqq xejn, ipparaguna xogħol ma' ieħor. La ġejna għall-paraguni, jien irrid inqiegħed dramm ma' ieħor u mhux dramm ma' poema, kif irid jagħmel hu. Ma jidhirlux A.J.V. li d-dramm "Razju Vidal" ta' Erin Serracino-Inglott iħabbatha fil-wisa' mal-"Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona? U ma jidhirlux ukoll li bħala xogħol ta' l-arti d-dramm modern soċjali "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" ta' Ġorġ Pisani mhux ta' min jagħtih il-ġenb? Ma nafx għaliex A.J.V. ried iċekken daqshekk żewġ xogħlijiet bħal dawn.

Nerġgħu għall-poeżija: Cremona poeżiji wisq ma kitibx. Sa l-1933 kien kiteb 29 poeżija biss. Minn dak iż-żmien 'il hawn, jiġifieri 13-il sena wara, ma kitibx b'kollox għaxar poeżiji oħra. Kieku dawn il-poeżiji kienu kollha tajbin, bla nuqqasijiet xejn, imħeġġin bid-dawl ta' l-ispirazzjoni u mfawrin b'daqqiet sħaħ ta' versi mill-isbaħ, żgur illi ta' dawn il-poeżiji biss il-ġenerazzjoni tal-lum u l-ġenerazzjonijiet li ġejjin ma għandhomx igħoddu lil Cremona bħala *poeta kbir*. Aktarx li jkun hemm min igħid: mhux il-kwantità li tgħodd imma l-kwalità. Mitt darba u elf. Imma biex poeta jista' jikseb isem kbir, jeħtieġ li mal-kwalità jkollu l-kwantità. "*The major poet is always a poet of quantity,*" kiteb Herbert Palmer. "*Examining the works of those who have finally been put on the high pedestal, we are confronted by extensiveness of output, generally four hundred to a thousand or more pages, and never less than two hundred. It is because quantity supplies the possibilities of range, of variety of thought and feeling and spiritual perception, of variety of technique and rhythm.*" (The London Mercury, April 1939).

Ma rridx nintilef f'ħafna tmaqdir u kritka ta' poeżiji li ma għoġbuni xejn bħalma huma, ngħidu aħna, "San Ġwann", "Lil Mikiel Anton Vassalli", "Ta' l-Imwiet" u "Dell il-Warrani" li fihom, fi kliem il-Professur Aquilina, "Cremona wera l-agħar nuqqas tiegħu: l-oskurità tal-ħsieb, imġebbed u mrabbat f'ħafna tidwir ta' kliem, qisu t-tkaxkir tas-serp."

Irrid imma nsemmi biex ma nonqosx, kif qalli A.J.V., "minn kriterju sod ta' dehen u ħaqq" illi hemm poeżiji ta' Cremona li laqtuni u għoġbuni ħafna. Il-poeżija "L-Omm" għalija hi sabiħa kemm jista' jkun, żgur li toqgħod fost l-isbaħ li għandu Cremona. Fiha, minbarra s-sempliċità, il-ġmiel tan-naturalezza msieħeb mal-qawwa ta' l-immaġinazzjoni. Il-poeżiji "Nofs ta' Kelma", "Għassa tal-Għadu" u "Soru", għalkemm 'l hemm u 'l hawn issib xi versi prożajċi, ipattu, bi x nerġa' ninqeda bil-kliem tal-Professur Aquilina, "għal kull meta Cremona fellaq u għotor."

Għandu wkoll sunetti, maħduma tajjeb u sbieħ, bħalma huma "Għana tar-Rebbiegħa", "Hlomt Bik", "Xi Żmien kien dak!" u "Marsalforn".

A.J.V. semma wkoll "Il-lejl" u "Għajnejn il-Bniedem". Għal dak li hu ħsieb nista' ngħid li huma sbieħ. Għal dik li hi sengħa ta' bini ta' sunett, imqanżħa u għajjiena għall-aħħar. Nisiltu ngħidu aħna versi bħal dawn:

Hsieb t'Alla fil-ħolqien, mistrieħ u rieqed,
xi ħaġa ikbar mill-Mewt donnok u xbieha. (*Il-lejl*).

Qamar, ħabib ta' dina l-art imsejkna (*Il-lejl*).

Iżżernaq fikom dehret ċkejkna ħrara,
tixgħel nirien, titgħajjeb meta tbielet...
(*Għajnejn il-Bniedem*).

Il-ħsieb ta' kull maħluq *oh* fikom nara
(*Għajnejn il-Bniedem*).

Hi xinhi, Cremona għandu poeżiji tajba u miktuba kif titlob is-sengħa: iżda l-poeżiji li nistgħu nqiegħdu f'din il-kategorija ma tgħoddhomx fuq is-swaba' ta' idejk it-tnejn. Nistgħu ta' dawn ngħolluh fuq il-pedistall għoli tal-poeti kbar? Nistgħu ngħodduh bħala poeta kbir? It-tweġiba nħalliha għal min jifhem fil-ġmiel u l-kobor tal-poeżija.

## Plaġjariżmu

Il-verità hi waħda, u ħadd ma jista' jiċħadha. Hi ċara daqs il-kristall li l-poeżija "Ommkom Marida" ta' Ninu Cremona "ma hix ħlief ritratt tal-poeżija bit-Taljan 'La mamma è malata' ta' Felice Uda". It-tnejn mibnija fuq l-istess ħsieb u sa fl-iċken dehriet u xbihat ma jitbegħdux waħda mill-oħra. Mhux sewwa li A.J.V. ipprova jgħawweġ il-verità. Hawn kien hu li naqas "sew mill-etiketta kemm mill-ħaqq ta' kritku letterarju". Is-Sewwa ħabib Alla, u quddiem is-Sewwa A.J.V. kien imissu baxxa rasu, u mhux qagħad jaqla' ħafna skużi u jsemmi ċirkustanzi ta' skop u ta' żmien. Min għandu moħħu f'loku mhux ser joqgħod jibla' r-ross bil-labra. Jaf u jħoss li dik il-poeżija hi meħuda minn tat-Taljan. Mhuwiex il-każ ta' l-ispirazzjoni ta' poeżija li ħarġet tixbah l-ispirazzjoni ta' poeżija oħra, kif irid jgħidilna A.J.V., imma l-każ illi ż-żewġ poeżiji għandhom ħsieb wieħed, mixja waħda ta' versi, ritmu wieħed, u ruħ waħda. Din hi l-verità, u ma jħassarha ħadd.

Il-kruha tal-plaġjariżmu hi ibbażata fuq il-fatt li tkun qed tisraq lill-awtur oriġinali mill-merti li huma biss tiegħu.

Hawn wieħed jeħtieġ jasal biex jifhem id-diverenzja kbira li tgħaddi bejn plaġjariżmu u reminixxenzi. Ir-reminixxenzi, li l-akbar poeti ħassewhom u bid-dritt kollu nqdew b'hom, huma influssi letterarji li l-poeta jġarrab mingħajr ma jkun jaf fil-ħin tal-qari u l-istudji tiegħu, waqt li l-plaġjariżmu hu serq bil-egħruq u x-xniexel ta' poeżiji u xogħlijiet ta' ħaddieħor. Eżempju: Dante hu mimli reminixxenzi minn Virġilju waqt li Virġilju ssiblu reminixxenzi minn Omeru. B'danakollu, ħadd la lil Dante u lanqas lil Virġiljo ma jiċħdilhom l-ogħla post ta' poeti mill-akbar li d-dinja letterarja qatt rat. Għax ir-reminixxenza hi ħaġa leġittma u xhieda ta' studji profondi.

## Ix-Xwejjaħ tar-Raħal

Imma "Ommkom Marida" mhijiex il-poeżija waħdanija li Ninu Cremona ħa mit-Taljan. Għandu poeżija oħra "Ix-Xwejjaħ tar-Raħal" li tixbah ħafna lil "Il Vecchio" ta' Domenico Gnoli, li kien jinħeba taħt il-psewdonimu ta' Giulio Orsini. Il-ħsieb fondamentali hu wieħed: xwejjaħ li jiftakar fl-imgħoddi waqt li jħossu mdejjaq li issa wasal fit-tmiem ta' ħajtu. Cremona x'mindaqqiet ipprova jeħles minn xi ħjielijiet 'l hemm u 'l hawn, kif imfissra minn Gnoli, u jagħtihom libsa u lewn lokali, bħal meta semma l-każ ta' l-irfigħ ta' "l-itqal salib tal-Gimgħa l-Kbira", iżda n-*nucleus* tal-ħsieb u tas-sentimenti hu dejjem xorta. Idijat li jixbhu f'kollox lil xulxin issib kemm trid. Bħalma għamilt fil-"Berqa" tad-19 ta' Diċembru, 1945, meta ikkritikajt il-poeżija "Ommkom Marida", irrid nagħti provi hawn ukoll ta' kif xi idijat huma meħuda:

(i) Qam bi tbatija, twieżen fuq il-ħatar,
u medd riġlejh bil-ħarsa ċassa, mriegħda,
.........................................................
.........................u minn saqajh iż-żrara
ikeċċi b'dak il-ħatar.

Vedilo come strascica la tarda
vecchiezza su le pietre del villaggio!
.........................................................
Solleva l'arco della schiena, guarda,
poi lo ricurva, e col bastone i sassi
batte.

(ii) ...................... ix-xwejħiet nissieġa
għaddej jarawh u jiftakruh...........
tfajjel għafrit itir mar-riħ fuq bhejjem

Le vecchierelle che girano il fuso
sull'uscio, lo ricordano garzone
quando d'un salto montava in arcione.

Provi aktar ċari minn hekk? Jista' jgħidilna A.J.V. jekk f'din ukoll is-sur Nin innamrax biss mill-ħsieb tal-poeta Taljan? U x'insejħulu jekk hux l-"Uda Malti" jew "Gnoli Malti?" Hemm frażi bl-Ingliż li jixraq ħafna ninqdera biha hawnhekk: *This is not cricket*!

Jien ma nafx għaliex, meta A.U.V. fisser kif ħa "Ommkom Marida", ma fissirx ukoll kif ħa "Ix-Xwejjaħ tar-Raħal". Tgħid kien qed jistenna dil-kritika tiegħi?

**Stedina f'Raħal**

Għad baqa'. Iżda did-darba mhux poeżija, imma novella — novella mqaxxra, biex ngħid hekk, minn fuq tat-Taljan "Scampagnata" ta' Renato Fucini. Ma nħossx li għandi noqgħod inqabbel novella ma' oħra għax il-wisa' ta' "Il-Malti" hu prezzjuż, u għalkemm din hi polemika letterarja u li għandha tqajjem interess imma ngħid biss (lest biex inwettaqha bi provi ċari jekk qatt niġi mitlub) li ż-żewġ novelli jixxiebhu b'mod talgħaġeb fil-qalba tas-suġġett tagħhom, fil-ħsieb intrinsiku u fit-tpittir talkarattri, fid-djalogi, u fil-movimenti u l-lewn tal-ħajja. Il-mertu li għandu Ninu Cremona hu li n-novella tiegħu għaraf jillokalizzaha, u żvolġiha f'atmosfera ta' raħal f'Malta. Imma psikoloġikament u artistikament iż-żewġ novelli huma t-tnejn xorta. U m'hemm ebda divrenzja fl-istrambiriji u l-eċċentriċità tal-karattri: Sor Cosimo ta' Renato Fucini hu l-Manifku Ġann-Karl ta' Ninu Cremona, Flavia u Karolin fula maqsuma, u l-majjistra ta' l-Iskola Stefanja hi l-istess "*signorina Olimpia, nubile sulla cinquantina, quella che i contadini m'averan dato come una letterata*". L-istess ħaġa Ġorġ, Dun Kustanz, u t-tabib tar-raħal.

**Il-Mina ta' l-Imħabba**

Novella oħra: "Il-Mina ta' l-Imħabba". Is-Sur Nin Cremona ħa l-ħsieb ta' din in-novella minn novella ta' Par Lagerkvist, Svediż, maqluba għall-Ingliż minn M. Ekenberg: "The Lift that went down to Hell" ("Scandinavian Short Stories" selected by Estrid Bannister—Penguin Books). In-novella tas-Sur Nin nistgħu nqassmuha f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel taqsima, għalkemm din ispirata u mibnija fuq it-tieni taqsima, għandu merti sbieħ letterarji li bil-jedd kollu jistħoqqulu f'dik li hi rabta u nisġa ta' idijat li jiġbru fihom il-qalba tal-ħsieb; imma t-tieni taqsima hi fil-veru sens tal-kelma meħuda. Il-medda tal-ħsieb hi waħda u l-karattri li jsawru dik it-tieni parti tan-novella huma kollha xorta. Il-perm li fuqu jdur il-ħsieb fin-novella ta' Par Lagerkvist hu: Xbejba u żagħżugħ isibu ruħhom l-Infern; fil-bieb jilqagħhom ix-Xitan li jurihom it-triq għal ġo kamra b'sodda fejn jitgħannqu u jinħabbu; dak il-ħin jidħol, wiċċu isfar mewt, żagħżugħ ieħor; ix-xbejba tagħarfu: kien iż-żagħżugħ li ħabbha u li qatel lilu nnifsu meta sab li ma kienx maħbub. Imwerwra, hi u seħibha, jitilqu jiġru 'l barra.

Fuq dan l-istess ħsieb, kif kulħadd jista' jara, hi mibnija n-novella tas-Sur Cremona "Il-Mina ta' l-Imħabba". U mhux biss fil-ħsieb prinċipali, imma sa fl-irqaqat tixbahha ħafna wkoll:—

(1) "Merħba bikom", qalilhom, u fetaħ bil-galbu r-rixtellu fil-waqt li baxxa rasu u sellmilhom. Daħlu, iżda baqgħu jħarsu mistagħġbin u beżgħanin. "Fein aħna?", fl-aħħar saqsiet Mimi. Imma x-Xitan dlonk stedinhom b'idu l-leminija biex jibqgħu deħlin. "La taqtgħux qalbkom, hawnhekk mhux ikrah daqs kemm ipinġuh... Intom ma naħsibx li biħsiebkom iddumu wisq... Naħseb li għal-lejla biss."

The Devil pushed the door open politely. "Good evening," he said, with a deep bow. He was elegant, dressed in a frock coat... Johnson and the lady tumbled out dizzily.

"Good Lord, where are we?" they exclaimed with alarm before the gruesome apparition. The devil, a little put out, enlightened them.

"But it is not as bad as it seems," he hastened to add. "I hope you will have a very pleasant time here. Only for the night, I presume?"

(2) Il-bieb tbexxaq u deher jittawwal wiċċ imkemmex ta' xitan mara b'għajnejn ħomor iżebbġu... Xagħarha mqanfed, iżda madwar iż-żewġt iqrun ta' fuq ġbinha kellha mibrumin żewġ malji tax-xagħar minn ġenb il-wieħed u l-ieħor marbutin b'żagarelli koħol magħmulin ċoff.

A new, fat, ingratiating she-devil... received them. Breathing heavily, she smiled and gazed at them knowingly with her kind, beady eyes. She had wound wisps of hair round the horns of her forehead and tied them with narrow blue ribbon bows.

(3) Il-bieb tbexxaq u daħal imqit imqit dak ir-raġel tal-libsa sewda; mexa bil-pass meħjut bla ebda ħoss, għajnejh ċassi jħarsu dejjem il quddiem. Il-bjuda tal-maskra ta' wiċċu kienet dik ta' mejjet li qam mill-qabar.

A man entered quietly through the other door... He walked silently, making no sound, with mechanical trance-like movement. His face had a stony look, and his eyes stared straight in front of him.

(4) "Neħħi dak il-coat minn fuqek," talabha Victor. "Iskot," qaltlu dik, "dak ir-raġel ma jdumx ma jerġa' jidħol."—"La tiddejjaqx", weġibha, "kollox igħodd hawn ġew."

Johnson removed his coat and waistcoat. The little lady said "Don't —he's coming back."

"Oh, in a place like this it doesn't matter. Take off your clothes, dear."

(5) Bil-qiegħda isfel, wara l-bieba, kien hemm imrekkna x-Xitana x-Xiħa li sellmitilhom b'ċaqliqa ta' rasha u taċ-ċfuf ta' qrunha.

Downstairs was the old she-devil, smiling kindly and nodding with her horns.

(6) Ix-Xitan il-Kbir... saqsiehom bid-daħka: "Hekk malajr? Naħseb li għaddejtu siegħa tal-hena?... Halli min jarakom... l-aqwa sakemm tidraw. Dan il-post m'għadux bħal dari. Fih daqsxejn tal-ħajr. Qegħdin nimxu maż-żmenijiet. Il-ġisem isib il-pjaċir tiegħu, iżda mbagħad il-pjaċir jitpatta b'daqsxejn ta' piena fil-qalb".

The head Devil was strolling about there; they met him again. "Oh, finished already?" he said. "Hope you have enjoyed yourselves!... We have modernized things here, changed them altogether. Naturally we must follow the trend of general developments. Nowadays we only have soul torture."

Dawn kienu, żewġ poeżiji u żewġ novelli meħudin mix-xogħol ta' ħaddieħor, li ltqajt magħhom jien b'kumbinazzjoni.

Xtaqt weġibt lil A.J.V. fuq ħafna punti oħra, imma l-wisa' ta' "Il-Malti" ma jippermettilix, iżda qabel nagħlaq irrid insemmi li A.J.V. ried jitfa' tebgħa kerha fuq Dun Karm meta qal: "... u lanqas Dun Karm ma kien jissejjaħ iz-'Zanella Malti' li kieku huwa ma ħax mill-ħsibijiet tiegħu, f'xi versi taz-'Zanella' f'xi poeżija tiegħu. Dun Karm ma stmerrx li jixrob ukoll mill-ħsibijiet poetiċi ta' poeti oħra bħalma huma Monti,

Manzoni u Giusti." Fiex u fejn? Mhux sewwa li bla ma tagħti provi, bħalma tajt jien, titfa' ħtija bħal din fuq l-akbar poeta tagħna. It-tebgħa li biha hu mtebba' Ninu Cremona ried, bla ħaqq xejn, jitfagħha fuq Dun Karm mingħajr ma kellu l-ħila jagħti provi. Mhux sewwa. Mhux sewwa.

Jekk lil Dun Karm nafuh bħala z-"Zanella Malti", ma nafuhx minn xi poeżija li għandu fi ħsiebu A.J.V., imma mill-versi tiegħu, kollha kemm huma, li fihom il-kobor u l-qawwa tal-versi taz-"Zanella".

Il-ġieħ tal-kittieb Malti tal-lum jeħtieġ jibqa' bla mittiefes. Imma biex dan ikun jista' jsir hemm bżonn inwarrbu s-sikrana mill-qamħ. U kienet din iż-żagħuni li wrejt dak li ħassejt u dak li hu ħażin. Ma nħallux lill-kritku ta' għada, li għad irid jagħmel ħaqq mill-kittieb Malti tal-lum, isibilna hu stess l-iżbalji tagħna.

GUŻE' CHETCUTI (Kritku).

---

# Studju Kritiku

**L-ILSIEN MALTI** tal-Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) — Lux Press, 1945.

Wara l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktejjeb bl-Ingliż "The Maltese Language, (1940)", il-Prof. Aquilina ħareġ dan il-ktejjeb is-sena li ħarġet bil-ħsieb, milli jidher, li jfisser bil-Malti għall-Istudenti li jixtiequ jidħlu l-Università, bi kliem u argumenti li l-moħħ ta' l-istudent sajjem mill-prinċipji filoloġiċi jista' dlonk iġegħrgħu, dak li kien diġà qal b'metodu iżjed sintetiku fid-dissertazzjoni ta' qabel.

Qabel ma nitkellmu fil-qosor fuq dan ix-xogħol ġdid f'xi argumenti u f'xi konklusjonijiet, tajjeb li wieħed isemmi li, neħħi x-xogħlijiet ta' Preca u Caruana, li l-lum ma għandhomx dak il-valur xjentifiku li jmissu għandhom għall-għadd kbir ta' karta li nħliet fihom, l-istudju filoloġiku fuq sisien sħaħ, tista' tgħid, inbeda *fostna* minn Napuljun Tagliaferro 'l hawn. Warajh tħajru jiktbu xi ħaġa 'l hawn u 'l hinn xi oħrajn, fosthom G. Vassallo li kien kiteb fuq il-morfoloġija u fonetika Maltija bħala sisien ta' ortografija grammatikali maltija; il-Prof. Dun P. P. Saydon, li kien kiteb studju komparativ bl-Ingliż fuq il-Malti fil-karta li nqrat fil-Kungress ta' l-Orjentalisti, Oxford, (1928) u f'taħdita bil-Malti f'Marzu ta' l-1929, taħt l-isem ta' "Il-Malti u l-Ilsna s-Semin" u xi studji oħra morfoloġiċi, etimoloġiċi u fonoloġiċi f' *Il-Malti* u f'*Leħen il-Malti*; Ganni Vella fi studju Komparativ tal-Malti mxebbah mal-Għarbi "Il Dialetto Maltese" (1929) u jien fit-taħdita tiegħi "Xinhu l-Malti Safi" (1925) dwar l-isvilupp lessikali u frażjoloġiku tal-Malti u fit-taħdita tiegħi "Folklore u l-Lsieu Malti" (1940) — u xi studji oħra bħal dawn f'*Il-Malti*; iżda din il-biċċa xogħol tal-Professur Aquilina u tliet bċejjeċ tiegħu oħra fuq studju komparativ lingwistiku tal-Malti, li fuqhom nitkellmu 'l quddiem, igħaqqdu fihom infushom l-istudju fil-qosor ta' kollha kemm hi l-istruttura organika u lessikali tal-Lsien Malti, studju, li f'xi bnadi jmiss mal-materjal, fatti u argumenti li dehru diġà f'pubblikazzjonijiet oħra.

u b'mod ġenerali jittratta minn naħiet oħra fuq prinċipji, klassifikazzjoni u deduzzjonijiet tal-lingwistika.

Fl-ewwel ktieb "The Maltese Language" huwa jitkellem fuq l-organiżmu morfoloġiku u lessikali, u l-influwenza ta' l-istorja politika u ekonomika li, fuq l-istruttura qadima tal-Malti, żiedet fil-vokabolarju soċjoloġiku u sawret il-biċċa l-kbira tal-kostruzzjoni frażjoloġika tal-Malti volgari u letterarju—fil-waqt li b'riħet il-liġijiet grammatikali u fonetiċi tal-Malti l-arblu ta' lsienna baqa' jżomm sħiħ fuq għeruqu fl-istess art li minnha tnissel. Il-metodu li bih jittratta l-materja ta' dan l-istudju lingwistiku fuq il-Malti, f'dan l-ewwel xogħol, billi miktub bl-Ingliż, huwa wisq iżjed magħqud u komprensiv mill-istudju fuq l-istess ħaġa miktub bil-Malti—u dana naħseb għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett għax l-Ingliż bħala lsien wisq iżjed imħarreġ u għani fl-espressjonijiet astratti, maħdum b'metodu sintettiku u induttiv, joffri l-mezz ħafif biex wieħed jittratta fatti u argumenti fuq dak li trodd ix-xjenza tal-lingwa jew il-lingwistika, u t-tieni il-għaliex il-ktejjeb (li wara nkiteb bil-Malti) hu magħmul għal studenti li, bħalma fissirna qabel, huma sajmin minn tagħrif ta' xjenza filoloġika jew lingwistika. Għalhekk insibu li bejn l-ewwel u t-tieni dissertazzjoni hemm aktarx qabża kbira fit-taqsim tal-metodu u tifsir fl-argumentazzjonijiet, esposizzjonijiet ta' fenomeni u fatti morfoloġiċi, lessikali, fonoloġiċi u sintattiċi. Sew il-kwistjoni tal-puriżmu fil-kitba Maltija, kemm dik tad-divrenzja etimoloġika u lingwistika fl-istudju tal-Malti, kemm il-fond semitiku u l-iżvilupp lessikali u frażjoloġiku tal-Malti bl-influwenza ta' l-ilsna Romanzi li tħalltu miegħu, f'dan l-istudju miktub bil-Malti, l-Awtur jimxi fuq metodu, biex ngħid hekk, rudimentali, li bih l-istudent isib ruħu miexi pass pass fi trieq watja li twasslu bla taħbil tal-moħħ fit-tarf ta' suġġett ġdid u mwiegħer li biex tifhmu u ġġerrgħu sewwa kont trid trattat ta' volum oħxon.

Jibda biex jgħid li s'issa l-istudenti u l-istudjużi studjaw il-Malti biss fil-grammatika tiegħu u li l-"grammatika weħidha, ma tifthilniex ħlief bieb wieħed biss, eċċ.". U dan sa ċertu pont hu minnu għax il-grammatika hija *biċċa waħda biss* mill-fergħa tal-lingwistika, għalkemm l-aktar fondamentali.

Jingħad li l-grammatika hija *r-ruħ* tal-ġisem, u fil-Malti, bħalma fl-ilsna kollha semitiċi, huwa hekk. Fil-lsien malti, u fl-ilsna l-oħra kollha, semitiċi u mhumiex, il-grammatika hija l-għodda li biha aħna nibnu d-diskors—sew il-forom kemm it-tagħqid ta' kliem f'sentenzi. Il-grammatika f'ilsien semitiku, skond il-filologi ta' dari u tal-lum, hija dik li twaqqaf is-sies sħiħ tal-Filoloġija Komparata. B'riħet studju komparat tal-grammatika tal-lsien semitiku ma' ieħor, aħna nistgħu naslu biex insibu l-qrubija ta' lsien jew djalett ma' ieħor—il-għaliex ix-xebh tal-ħoss u ta' l-egħruq ta' kelma jew lingwa, ma' għeruq ta' kelma oħra f'lingwa oħra, dlonk iqarraq fl-istudju ta' nisel ta' lsien u ta' qrubija ta' lsien ma' ieħor. Fi ftit kliem l-istudju filoloġiku jiħtieġ l-istudju ewlieni tal-grammatika; iżda kif ifisser l-Awtur, il-filoloġija ma tiflix u tistħarreġ, bħalma tagħmel il-lingwistika, l-iżvilupp storiku tal-lingwa, kif ukoll ir-rabta li lingwa għandha mas-soċjetà li titħaddet b'dik il-lingwa, iżda n-nisel tal-lingwa, studju li fih, barra mix-xebh ta' kliem imsejjes fuq il-fonoloġija, għandha l-ikbar sehem il-morfoloġija jew grammatika.

L-Awtur b'din id-dissertazzjoni fuq l-Ilsien Malti, jifthilna, għalhekk, trieq ta' studju akbar li hu dak tal-Lingwistika, studju li hu iktarx iżjed wiesa' milli ġdid għalkollox, iżda wisq meħtieġ il-għaliex fih igħaqqad dawk il-fergħat kollha li jagħmlu mill-organiżmu kollu tal-Isien, minn tweldu saż-żmien tal-lum, studju li fih jidħlu l-fonetika, il-vokabolarju, il-morfoloġija, is-semantika, is-sintassi, l-istilistika, il-grammatika storika, il-grammatika komparata (imxebbha ma' ta' ilsna oħra li huma qraba ta' xulxin) u fl-aħħarnett il-filoloġija stess. Għalhekk, naraw, illi biex titkellem fuq lingwistika ma tistax ma titkell mx ukoll fuq fergħa ta' studju jew oħra li semmejna hawn fuq, u li waħda ma tistax tingħażel minn oħra biex tindamm il-katina kollha tal-lingwistika. Din hi għallinqas il-fehma tiegħi.

Il-Prof. Aquilina qabel ma jgħaddi biex juri l-evoluzzioi tal-Isien Malti fuq il-prinċipji tax-xjenza tal-lingwa jew tal-lingwistika, jagħżel bejn użu ta' kliem u ieħor fil-Malti fost il-kittieba. Imaqdar, u bit-raġun, dawk li huma safjin iżżejjed, u l-oħrajn li bil-maqlub, jinqdew bi kliem barrani barra minn loku. Bħalma kien fisser Napuljun Tagliaferro, f'egħluq l-istudju tiegħu "L'Elemento Neo-latino nel linguaggio Maltese", s'w dawk ta' l-ewwel kemm dawk tat-tieni, meta jagħmlu hekk, ikunu qegħdin jimxu kontra l-liġi naturali ta' l-evoluzzjoni tal-Isien Malti li għandu d-dritt li jgħix il-ħajja li tawh l-istorja politika u ekonomika tal-Gżejjer ta' Malta. In-nuqqas ta' dokumenti bil-Malti il fuq minn 400 sena ilu ma jagħtxi ebda ħjiel tat-tibdil li sar fl-ilsien Malti, iżda, l-Awtur isemmi xi kliem li tilef l-ewwel sens tiegħu u li baqa' jgħix b'tifsir ieħor jew jixbhu, fost dan ukoll kliem medjoevali Sqalli li tiegħu għad għandna xi fdalijiet. Xi kliem ieħor *mejjet*, fuq dak li qalilna Orazju, igħid li jarġa' jinbet—nisthajlu jien bħal xi deheb b'ornament antik tal ga... jew tal-filugranu li l-lum tara msensel fil-widnejn jew mehmuż fuq is-sider ta' xi mara, fuq libsa moderna—iżda nżid jien fuq dak li qal *ukoll* Orazju, dan jitwettaq biss *jekk iridu l-użu — l-użu li għandu d-dritt u r-regula tat-taħdit* (*si volet usus penes quem est jus et norma loquendi*); iżda l-użu ta' kliem mejjet hija ħaġa li fil-Malti qajla titwettaq. Nistennew li l-progress tal-letteratura dan il-kliem iqajmu minn qabru u jdaħħlu fil-*moda* ta' l-istil għallinqas fil-poeżija bħalma ħbatt indaħħlu jien fil-"Fidwa tal-Bdiewa."

Barra minn dak il-kliem li semma l-Awtur nistgħu nsemmu wkoll dak il-kliem li dlonk insibu f'xi fdalijiet bħal fil-frażi: *qata' jiesu*, fejn il-kelma *jiesu*, weħidha, bis-sens ta' *tama* ma tinstama qatt, u f'xi espressjonijiet bħal fil-qawl: *aħjar mqattgħa u ħorra jew għanja u morra*, u f'dawn l-oħra: *raqad bla għaxa*; *dak li jidra jgħix bis-sisija*, fejn il-kelmiet *ħorra*, *għaxa* u *sisija*, bis-sens ta' *onestà*, *ċena* u *talb* qajla tismagħhom. Hekk nistgħu ngħidu għal kliem ieħor qadim li ġie li jintuża ħażin. Il-kelma *sisa* (assisa) ma toqgħodx il-lum flok *id-dazju ta' l-inbid*; hekk il-kelma *ħaraġ*, li dlonk taqra fil-liġijiet bil-Malti, ma tistax toqgħod flok il-kelma *taxxa*.

Is-self ta' kliem, kif jissokta jgħidilna l-Awtur, hija ħaġa li timxi malbżonnijiet taż-żminijiet fl-ilsna kollha li fejn dehrilhom daħħluhom fittaħdit u kitba tagħhom. It-tiswir ta' kliem ġdid (neoloġismi) minn għeruq

ta' nisel Malti, kif jissokta jfisser, hija biċċa xogħol ta' kittieb tas-sengħa. Dan it-tiswir dlonk narawh f'ilsna oħra li għandhom letteratura qadima u sviluppata. D'Annunzio kien fassal il-kelma *velivolo* għall-*ajruplan*, iżda, naħseb jien, li aħna għadna lura biex infasslu kliem bħal dan, u ma nistgħux naslu aktar milli nfasslu xi kelma 'l hawn u 'l hinn bħal *fejjied*, minn *fad* jew *fied*. Iżda flok *ajruplan* qajla wieħed juża l-espressjoni *għugħ ta 'l-ajru*.

It-teorija illi l-ilsna nibtu minn kliem onomatopejtiku, jiġifieri minn ħsejjes li l-ewwel nies kienu jagħmlu b'ilsienhom biex isemmu l-annimal li b'ħalqu jagħmel dawk l-istess ħsejjes, hija mwettqa minn prinċipji tal-filoloġija komparata tas-seklu li għadda. Dawn il-ħsejjes baqgħu xorta f'ħafna ilsna u għalhekk għad hemm kliem jixxi bah sa miż-żmien li r-razez ta' l-ewwel nies kienu nfirdu u xxerrdu mad-dinja. Minn hekk ukoll il-filoloġi kienu wkoll tħabtu biex jistabbilixxu, fuq dak ix-xebh ta' ħsejjes f'xi kliem, ir-rabta bejn is-Semitiku u l-Indo-Ewropew. Iżda billi l-egħruq ta' dawn il-ħsejjes kienu, tista' tgħid, xorta, għall-ewwel mhix ħaġa kbira li kont issib dan ix-xebh; iżda r-rabta bejn ilsien u ieħor, għal dak li hu nisel, hija f'dik il-biċċa tad-diskors li tfisser il-ħsieb magħqun b'egħruq li bihom wara ssawret il-frażi mibnija skond il-grammatika. Din it-teorija tal-filoloġija komparata tas-seklu li għadda taqbel ma' dak li fisser l-Awtur meta qal illi l-Malti huwa morfoloġikament u, fil-biċċa l-kbira, lessikament imnissel mill-familja semitika, kif ukoll xi ftit sintattikament u li, fil-biċċa l-kbira tas-sintassi u fil-lessiku modern il-Malti ġibed minn ilsna Romanzi, fost dawn l-iktar mill-Isqalli, Taljan, eċċ. Iżda biex juri wisq aktar fil-wisa' dan kollu, l-Awtur kien ikollu jimla volum u mhux tliet faċċati. In-natura tal-Malti fil-morfoloġija, bħalma s'issa kienu fissruha oħrajn qabel il-Prof. Aquilina, hija hekk qawwija sa min-nisel tagħha, illi l-kliem modern kellu joqgħod għal-liġi grammatikali u fonoloġika tal-Malti bħala lsien semitiku.

Il-kwistjoni jekk il-Malti hux djalett jew lingwa, l-Awtur, ifissirha u jaqtagħha skond il-prinċipji tax-xjenza lingwistika tal-lum, fejn wera illi l-Malti tal-lum għalkemm imħallat, jifforma bħala ġisem wieħed u jista' jitqies nazzjonali bħal ilsna oħra ta' l-Ewropa u bħalhom ukoll bħala lsien letterarju, għax bħalhom wasal, għalkemm, għadu kif jibda, biex daħal fl-iskejjel u fl-amministrazzjoni tal-Gvern u biex waqqaf letteratura, mibnija fuq il-pronunzja tan-nies tal-Belt u fuq il-kliem tan-nies tar-raħal. Vassalli li kien qassam il-Malti fi djaletti ma tantx jidher li fil-pronunzja ta' kitba letterarja mexa fuq dik tal-Belt. Iżda, għal dawk li huma idejjiet u frażijiet, naħseb li l-letteratura Maltija, sew proża kemm poeżija torbot l-iktar fuq ix-xejriet u fasla tal-letteratura Ewropea, l-iktar Taljana li minnha tgħallimna nżejnu l-ħsieb u n-nisġa tal-frażijiet tagħna. L-Awtur jieqaf biex jidħol fil-kwistjoni tad-diverenzji djalettali tal-Malti fost in-nies ta' l-irħula—studju ta' xebh li minnu wieħed jista' jasal biex isib it-tarf tar-rabta tan-nisel ta' bejn id-djaletti ta' Malta u Għawdex ma' dawk ta' ilsna oħra ta' barra, bħalma huma d-djaletti Għarbin fil-Kosta ta' Barberija. Studju bħal dan ta' fonetika u g'ottoloġija kienu għamluh l-Arabista Hans Stumme u Bonelli li kienu ġew hawn Malta biex jistudjaw il-għamla semitika-għarbija tal-Malti. Fost it-

tibdil li jsir fil-kelma bis-saħħa tal-liġijiet fonoloġiċi, l-Awtur isemmi l-konsonanti li jitnisslu bl-organi tal-vuċi u oħrajn li jitlissnu bl-organi tan-nifs u li bħala radikali għandhom sehem kbir fit-tibdil tal-ħoss u pronunzja tal-kelma mqabbla ma' kelma għarbija jew romanza li minnha ġietna l-kelma. Barra mill-assimilazzjoni tal-konsonanti tal-kelma meta daħlet fil-Malti, li mħabba fiha l-Malti tbiegħed xi ftit mill-Għarbi, hemm liġijiet oħra fonetiċi fil-vokalizzazzjoni u aċċent Malti li taw lill-kelma Maltija sura għaliha partikulari.

Dwar is-semantika jew it-tibdil fit-tifsira ewlenija tal-kelma Maltija, l-Awtur iqabbel dan il-fenomenu ta' tibdil fit-tifsira tal-kelma ma' dak li nsibu f'ilsna oħra Ewropej ta' l-istess ġidd bħal fl-Ingliż, fit-Taljan u fil-Franċiż li ħa mil-Latin. Barra mill-kliem komuni li semma l-Awtur, hemm ukoll bosta kliem ta' pjanti, siġar u annimali, fosthom għasafar (mill-Isqalli jew Taljan għall-Malti) li meta daħlu fostna, imħabba x-xebh, il-Malti fissirhom għal pjanti, siġar u annimali oħra.

Billi l-Malti tħallat ma' bosta ilsna Ewropej, l-iktar ma' Sqalli, Taljan, Spanjol, eċċ., u dan l-aħħar ukoll ma' l-Ingliż; kif osserva l-Awtur, l-istudjuż ta' nisel il-kelma jiħtieġlu jkun jaf sewwa, sew il-Għarbi, kemm ukoll it-Taljan u l-Isqalli, bħalma stqarr ukoll Stumme.

L-Awtur jagħlaq dan l-isudju billi jagħti bħala konklusjoni, id-divrenzja bejn il-filoloġija li tistudja n-nisel tal-kelma u storja tagħha sakemm ħadet l-għamla li għandha l-lum u l-lingwistika li tistudja l-kelma bħala mezz li taqdi l-bniedem biex ifisser l-idejiet tiegħu—iżda, bħalma għidt qabel, il-filoloġija hija biċċa mix-xjenza tal-lsien li tħaddan il-fergħat kollha tal-kostituzzjoni tal-lingwa.

Sakemm wasalna għax-xjenza tal-lsien li dari kienet tfisser dik li tissejjaħ *Filoloġija Komparata* u l-lum imwassa' f'dik ta' *lingwistika*, l-istudju xjentifiku tala' targa targa sakemm wasal fejn hu l-lum. Il-filoloġija qadima kienet tibda minn fuq, jiġifieri mill-ilsna ewlenin u mejta u tibqa' nieżla, fil-waqt li l-*Filoloġija Komparata*, skond it-teorija ta' Leibnitz, tibda minn isfel għal fuq, jiġifieri mid-djaletti ħajjin, u mill-istudju ta' dawn ma' oħrajn qaribhom, bħalma jsir fl-arblu tar-razza meta wieħed irid isib kif bniedem tnissel mill-ieħor minn żwieġ jew taħlit ta' demm ma' ieħor. Hekk ukoll fl-istudju lingwistiku tal-lum.

L-istudiu ta' l-Awtur hu miktub bi proża tajba li tiftiehem u li hija xierqa għas-suġġett—bi stil ħafif li ma jgħajjix il-moħħ ta' l-istudent, u, neħħi xi anomaliji ċkejkna fl-ortografija f'xi kliem, dan il-ktejjeb hu eżempju sabiħ ta' kitba Maltija didattika u dissertatorja.

A. CREMONA.

---

# ETIMOLOĠIJA

Ħallini nwieġeb fil-qosor għal dak li qal is-Sur Nin Cremona fuq il-kelmiet *triq*, *moħħhom* u *ħal* bi tweġiba għall-ittra tiegħi li dehret f'*Il-Malti* ta' Settembru, 1945.

*TRIQ* — Meta nitgħallmu bl-istudju li kelma konna qed niktbuha ħażin, ir-raġuni tgħidilna nsewwu l-iżbalji minnufih. Is-Sur Nin, biex iħares it-tradizzjoni (ta' ftit żmien u mhux ta' l-aħjar kittieba) irid jissa-

grifika l-ortografija u l-etimoloġija għall-fonetika li jekk ncqogħdu għaliha għandna ħafna u ħafna xi nbiddlu, allura! Li tikteb kif jixraq m'hi qatt pedanterija u wisq anqas intransiġenza. Bejn l-"ie" u l-"i" hemm reguli qawwija tal-grammatika x'jifirduhom, barra dawk tal-fonetika, li fuqhom bil-ħsieb li nikteb ma ndumx. L-istess għall-vokali kollha li jiena nqassam fi tliet gruppi: i) l-"a" u l-"ie"; ii) l-"e" u l-"i"; iii) l-"o" u l-"u". Għalhekk ukoll jagħmel ħażin min, biex jimxi fuq il-fonetika, jikteb "*żgħożija*" u mhux "*żgħużija*" bħal "*tjubija*", "*bżulija*", "*tfulija*", ećć. Min jikteb "*trieq*" flok "*triq*" ikun qed jikteb ħażin daqs min jikteb "*sfieq*" flok "*sfiq*" ećć. L-intransiġenza kollha tinsab f'min għax kelma kien jiktibha mod (għalih tajjeb) ma riedx jiktibha sewwa meta sar jaf kif!

*MOĦĦOM* — Ir-regula tal-fonetika li jagħti s-Sur Nin hi tajba u, f'dal-kas tista' tiġi applikata, għax ħabtu konsonanti gutturali ma' oħra aspirata. Għalhekk jista' jkun li min jikteb "*moħħom*" ma jagħmilx żball, għad li hawn min meta jaqra l-kelma "moħhom" jgħaġġilha jew jaħtafha iżjed milli jagħmel kieku jsibha miktuba "moħħhom", u ma tistax tlumu. Għalhekk ukoll jien inħoss li hu aħjar li niktbuha biż-żewġ "ĦĦ" milli b'waħda, iżjed u iżjed meta wieħed iqis li l-vokali tal-kliem torox jitolbu leħen qasir u aktarx maħtuf. Dan kollu barra milli fil-għajn, b'Ħ waħda l-kelma tidher kerha.

*ĦAL* — Fuq dil-kelma u nisilha għadni qed nistudia u kulma qal is-Sur Nin, li hu frott ta' l-istudju li għamel hu u ħaddieħor, juri biċ-ċar kif mhux la kemm taqtagħha 'l hinn jew 'l hawn. Jista' jkun li l-fehma tas-Sur Nin fuq in-nisel ta' dil-kelma hija iżjed ta' min jorbot fuqha minn dik ta' Ġ. Micallef (u sa hawn is-Sur Nin ipperswadieni), iżda qabel ma nkunu żguri ma nistgħux anqas inġagħlu lil kulħadd jiktibha "Ħall" flok "Ħal". Iż-żmien u l-istudju forsi għad jagħtina dawl.

ERIN SERRACINO-INGLOTT.

# Recensjonijiet

## "ĠAWHRA" ta' Rob. Mifsud Bonnici. — Edizzjoni tal-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù", 1945. Paġ. 16.

Ktejjeb żgħir fid-daqs imma ta' fejda kbira għal min jaqrah. L-awtur huwa magħruf biżżejjed bħala kittieb mill-aħjar ta' kotba li jgħallmu l-żgħażagħ, u lill-kbar ukoll, fuq it-tiġrib tal-ħajja; il-ktieb tiegħu "Alla, Ix-Xitan u l-Bniedem" kien ingħoġob mhux ftit u sewa ta' ġid kbir u ta' tagħlim bla tarf.

F'dan l-aħħar xogħol tiegħu s-Sur Rob. Mifsud Bonnici bil-għaqal ta' mgħallem u bil-ħlewwa ta' missier, jiftaħ għajnejn it-tfal tal-lum u jwissihom biex igħożżu l-isbaħ virtù li Alla żejjinhom biha, il-virtù ta' l-innoċenza.

Barra li jwissi, l-awtur jgħallem ukoll kif wieħed jista' jgħix ħajja mogħnija bis-saħħa tal-ġisem u mseddqa bil-hena tar-ruħ; hu juri li biex wieħed igħix kuntent jeħtieġlu jaħseb mhux biss f'ġismu imma f'ruħu wkoll.

Il-ktejjeb miġbud tajjeb ħafna u jinqara bla tbatija; l-istil ċar, ħafif u jheġġeġ lill-qarrej. Kotba bħal dawn jalla joktru għax minnhom nistennew ġid kbir fil-ħajja soċjali tagħna, l-aktar f'dawn iż-żminijiet meta s-soċjetà mxiegħla fil-frugħa u ftit wisq għandha min imexxiha fit-triq tar-ruħ.

Din il-"Gawhra" hija tassew ġawhra ta' ktieb u jixirqilha tinqara minn għadd kbir ta' nies. G.

---

## "A HISTORICAL REVIEW OF THE MALTESE LANGUAGE". — A. Cremona. — St. Joseph's Institute Printing Press, Hamrun, 1945.

Kitba ta' Cremona fuq l-istorja tal-Malti konna diġà qrajna fl-Introduzzjoni għat-*Tagħrif* (1924) fl-ewwel taqsima tal-ktejjeb "*The Development of Maltese as a Written Language and its affinities with other Semitic Tongues*" miktub minn Cremona u P. P. Saydon u moqri mir-Rev. C. L. Dessoulavy fil-Kongress ta' l-Orjentalisti, f'Oxford, fl-1928, u "Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti" fil-*Leħen il-Malti*, 1941. Imma issa dan l-aħħar ktieb tiegħu jiġbor fih, b'iktar reqqa, kull ma kien kiteb qabel, imiss fuq iktar suġġetti u mfassal aktar bis-sengħa u mogħni b'ċitazzjonijiet ta' xogħlijiet serji minn Maltin u barranin.

L-aktar li laqatna, fejn tħaddet fuq influwenzi ta' razza, lingwa u storja fuq xulxin. Hawn imiss ukoll fuq suġġett li għad fadal ħafna x'jingħad fuqu, i.e., it-topografija Maltija. Wieħed jaħbat jitħajjar, kif kiteb Cremona, li jgħid li f'dawn l-ismijiet ta' postijiet għandna nsibu dawk il-ftit "vestiges of an older Semitic substratum not completely absorbed in the existing Maltese language." Minn naħa l-oħra, wieħed bħal jitħawwad u jitħasseb kif setgħu, ngħidu aħna, l-ismijiet ta' postijiet Għarbin li għandna, jiġu għandna jekk mhux (1) għax dawn il-postijiet qabel il-Għarab ma kellhomx isem, jonkella (2) għax l-isem li kellhom kien jaqbel mal-Għarbi fl-egħruq u għalhekk baqa' kif kien jew tbiddel ftit biss, jew (3) għax, bħalma jaħseb Cremona, ħaduhom il-bdiewa u r-raħħala qabel ma ġew l-Aragoniżi. Mhux la kemm wieħed jgħid li dan jaw dak l-isem daħal ma' dawn jew dawk in-nies, bla ma jieqaf jaħseb kemm hi ħaġa tqila tneħħi isem li ġa hemm. Studju interessanti ħafna li Cremona jmissu jidħol iktar 'il ġewwa fih, xogħol ta' sabar li jiftaħ triq ġdida u li studjuż ieħor tal-Malti—il-Prof. Saydon—qiegħed jaħdem sħiħ fuqu.

Mill-ġrajja tal-Malti kif urihielna Cremona jidher li s-suġġett daħal fih 'il ġewwa ħafna. U dan li sa ngħidu issa ngħiduh mhux biex nuru nnuqqas tiegħu daqskemm biex wieħed juri għenb ieħor ta' l-iżvilupp tal-Malti. Fil-fehma tagħna, ħaġa li turi kif il-poplu dejjem xtaq u ried il-Malti, imqar meta sa l-Isqof u l-qassisin ma kenux ikunu Maltin, hija li fl-1481 insibu li l-Gurati f'isem il-poplu kienu pprotestaw lill-Isqof għax wieħed li ma jafx bil-Malti kien ingħażel bħala arċipriet tal-Kattidral "...ni maravigliamo... ki ni havi provistu di tali cappellanu maxime ki non sa la lingua..." (Mons. Mifsud f'*La Diocesi*, 1917). Xejn inqas importanti kienet meta l-*Consiglio Popolare* qala' li l-laqgħat isiru bil-Malti billi l-Gurati maħturin mill-irħula ħadd minnhom ma kien jaf ħlief bil-

Malti (Ara A. M. Galea *Mogħdija taż-Żmien* Nru. 150). Ħaġa oħra li laqtitna meta rajna r-rapport ta' Keenan fuq it-tagħlim f'Malta aktarx li għandha x'taqsam max-*Xirka Xemija*. Dan Keenan, fl-Appendix K (p. 126 tar-Rapport) iġib il-programm tas-*Società per la Coltura della Lingua Maltese* maħruġ bid-data 1876 u jġib ukoll il-kumitat magħmul minn dannies: J. Koppel Ph.D., President; P. Frendo Azzopardi LL.D., Viċi President; P. P. Agius M.D.; F. Giglio, Antonio Sarreo, P.A.; P. Cesareo, N. Tagliaferro, A. M. Mattei, LL.D., Segretarju. Il-ħsieb ta' din il-Għaqda kien edukattiv "*il fine a cui miriamo è l'importante utilità pratica che se ne potrebbe trarre, aiutando l'istruzione popolare*". Jekk din is-Soċjetà kenitx biss il-bidu tax-*Xirka Xemija* jew lè, il-fatt jibqa' li l-kitba tagħha kienet tixbah wisq 'il tax-Xirka, kif jidher mix-xempju ta' lezzjoni ta' l-Ingliż bil-Malti miktuba minn Dr. Koppel li hemm fil-pagna 126. Ismijiet oħra li għalina dehru ġodda fil-ġrajja tal-Malti huma dawk tar-Rev. Thaddeus O'Malley, Rettur ta' l-Università (1841-42) u tas-sur F. Inglott, li riedu jsaffu kemm jistgħu l-Malti u jibqgħu jiktbu b'karattri Rumani. Fuq din il-proposta tagħhom, iżid igħidilna Keenan, il-Kardinal Wiseman, li kien studjuż kbir tal-Għarbi, qal lill-Inglott stess: "The adoption of the plan as explained by the Rev. O'Malley to improve the Maltese language and the use of the Roman or Italian letters to write it, will be equal to giving to Europe the key of Oriental literature..."

Biex nagħlaq. Ta' bniedem prattiku Cremona jsostni li l-alfabett tal-*Għaqda*, m'għandux jitneħħa mill-użu ta' kull jum, biex jidħol floku wieħed iktar xjentifiku. Minn naħa l-oħra, għal skopijiet ta' studju etimoloġiku Cremona nnifsu jistqarr li l-alfabet "*may not be adequate and in treatises of a purely philological nature a transliteration based on more scientific principles as now generally recognised by Orientalists should preferably be used.*"

Din hija t-targa l-oħra li issa wasalna biex nitilgħu—li jkollna studji serji iktar ta' xeħta filoloġika jew xjentifika, studji li ma jkunux jiswew biss għall-Malti imma għall-ilsna orjentali l-oħra.

Mingħand Cremona nistennew li għad naraw studji iktar ta' din il-għamla. Ġ.C.P.

---

**"MALTESE IN EASY STAGES"** by Alb. M. Cassola. — The Allied Malta Newspapers Ltd.—1946.

Konna ilna nixtiequ naraw fuq il-Malti kotba bħal dawk li naraw fil-vetrini biex titgħallem malajr ilsna oħra taħt ismijiet bħal *Spanish Simplified*, *French without a Master* jew *Italian in three months*, eċċ. Għalhekk għoġbitna din il-grammatka ċkejkna ta' Cassola miktuba bl-Ingliż, għax rajna li mliet bħal baħħ li kien ilu jinħass għal dawk li mhumiex wild Malta imma li bħalna joqogħdu Malta u jdumu żmien bla qatt ma jistgħu jaqbdu tarf jitkellmu bil-Malti.

Għal kull waħda mis-sittax-il taqsima li fiha l-grammatka nsibu fl-aħħar mera ta' tweġib għal kull taħriġ li Cassola qiegħed f'tarf kull lezzjoni. Għoġobna t-tixbih tal-ħsejjes ta' l-alfabet Malti ma' ħsejjes bħalhom fl-Ingliż, kif ukoll it-taqsimiet fuq il-preposizzjonijiet, fuq l-artiklu u l-as-

similazzjoni u fuq l-*għ* u l-*ħ*. Fil-forom tal-verbi ma naqblux mal-kittieb fejn qal li t-*t* għar-riflessiv u l-passiv titqiegħed qabel l-ewlieni sew jekk trilitteru jew kwadrilitteru. Jidhrilna li *tqâbad* mhix ġejja minn *qàbad* imma mill-forma mnissla *qâbad*, u hekk ukoll *tfarrak* ġejja mit-tieni sura *farrak* (*f-r-k*).

Iżda dawn ma jfixklux il-ħsieb tal-kittieb li ried jagħti "*in a concise and practical form the basic rules of orthography and grammar*".

Biex nagħalqu, inżidu x-xewqa tagħna ma' dik tal-kittieb u ta' l-Ingliża ħabiba ta' Malta u tal-Malti li kitbet il-*Kelmtejn Qabel* li ma jdumx ma jasal dak il-jum "*when, by their mutual interest in it* (il-Malti) *this most ancient of living languages may become a bond of unity between the Maltese and English races instead of being (as at present) a barrier...*"

Ġ.C.P.

---

**"IS-SENGĦA TA' L-IMĦABBA"** ta' Ġorġ Pisani. — Lux Press, 1945. Paġ. 73.

Nixtieq nagħmel il-qalb lil Ġorġ Pisani biex jagħtina xogħlijiet drammatiċi iktar; iżda fl-istess ħin nibża' li jekk nagħmel dan ikun hemm min jixlini li qiegħed inħajru jitlaq il-ħidma tiegħu fil-għalqa tal-poeżija. Għaliex Pisani, tabilħaqq, huwa mwieled poeta, u jkun dnub kbir jekk huwa jissagrifika l-poeżija biex jibda jikteb għall-palk.

B'danakollu nħoss li "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" hija kummiedja li tista' tinħadem fuq il-palk u tingħoġob. L-ambjent u s-suġġett jagħtu lemħa sewwa lil "Addio Giovinezza" ta' Camasio u Oxilia, id-djalogi huma naturali; id-didaskalji f'lokhom. Mill-banda l-oħra, l-ewwel att huwa twil wisq u għalhekk jaqa' fil-monotonija. *Helen*, it-tfajla taljana li iżjed kien jixirqilha l-isem ta' "Elena", iddum wisq ma tidħol *in scena* u għalhekk l-ewwel biċċa ta' l-ewwel att hija hekk twila li tgħajjik. Pisani, iżda, għaraf jagħlaq l-atti tajjeb ħafna, u jekk meta ssir din il-kummiedja jkun hemm min sa jaħbat jibda jisgħol u jittewweb fost l-udjenza, għandu minnufih jistenbaħ u jiftaħ widnejh sewwa biex jara l-final.

Għall-finali ta' l-atti, Pisani għandu xi ħaġa speċjali: it-tliet atti jispiċċaw wieħed isbaħ mill-ieħor u minn hawn jidher ċar l-element drammatiku tal-kummedjografu.

Fost il-persunaġġi tal-kummiedja, *Gorann* huwa artab wisq, bla ħajja, newrotiku u ġifa. *Helen*, skond il-ħsieb tiegħi, ma hix kif ipinġiha l-Prof. Aquilina fl-"istudju" (għax mhux sempliċement "prefazzjoni"?) ta' qabel il-kummiedja. Jekk il-Prof. Aquilina jara f'*Helen* it-"tfajla moderna, moħħha fuq il-werqa, fiergħa u kapriċċuża", jien, bil-maqlub, naraha bħala xebba ta' dari, sofistika u romantika u li ma tħobbx l-irġiel għas-sabiħ wiċċhom iżda li temmen biss fl-avventuri, fis-safar, fit-tibdil ta' l-ambjent u tal-madwar. Ma niskantax jekk wara żewġ ħarbiet kellha taħrab darbtejn oħra ma' rġiel li tawha biex iġġarrab u tara l-ħajja ta' pajjiżi oħrajn.

*Nina*, li biha l-awtur jagħmel għors biex jikser l-atmosfera drammatika ta' l-aħħar xeni tat-tieni u t-tielet att, kienet tkun qiegħda mill-aħjar f'xi farsa, iżda f'kummiedja bħal din, ħelwa kemm hi ħelwa, hija inverosimili.

*Lino* qiegħed tajjeb u *Anton* sata' kien aħjar. Jirriżalta l-kuntrast bejn il-ħabib li jqarraq bik u l-ħabib veru li jgħinek fil-għawġ. *Ċensinu*, il-qaddej fidil u għaqli, xi drabi jagħmilha wisq tal-"papà" tat-tliet studenti, l-aktar ta' *Ġovann*.

F'atmosfera ta' "Boheme" jidhirli li m'għandux ikun hemm *whisky* u sigaretti bil-ħala. Iżda rrid naħseb li ċ-ċiniċità tal-pittur *Anton* li fl-imħabba ma jarax ħlief *sengħa* (bħallikieku ta' mastrudaxxa jew ta' skarpan!) hija ġejja mill-effetti tax-xorb. Għelt kbir f'din il-kummiedja jidhirli illi huwa daka li l-awtur ifittex li jkasbar flok ma jgħolli l-imħabba li, jekk vera, għandha tkun altru minn sempliċi sengħa!...

Il-Prof. Aquilina jgħid li "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" hija aqwa minn "Addio Giovinezza". Jiena nifhem il-maqlub iżda nammetti li "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" hija l-iżjed biċċa xogħol tajba biex fuqha jimxu dawk il-kittieba maltin li biħsiebhom jagħtuha għat-tijatru. Jekk inbarru d-difetti li fiha din il-kummiedja, f'"Is-Sengħa ta' l-Imħabba" għandna mera tal-kummiedja soċjali li rridu niżviluppaw u nkattru biex naslu fil-għan tagħna li neqirdu t-tijatru qadim melodrammatiku u noħolqu t-tijatru tagħna nazzjonali u modern. A.M.C.

---

**BLANZUNI** ta' Vic. Apap.—Lux Press—1945. Paġ. 126.

Madame de Sévignè darba qabdet f'idejha l-*Ħrejjef ta' La Fontaine* biex taqra xi żewġ ħrejjef qabel ma jsir ħin għall-ikel; baqgħet sejra novella wara l-oħra, insiet l-ikel u ma telqetx il-ktieb minn idejha qabel ma temmitu kollu. Hekk jien ġrali meta bdejt naqra l-*Blanzuni*; ftaħtu biex naqra xi ħaġa qabel norqod u ntlift fuqu.

Vic. Apap għandu stil għalih, stil ħafif, mexxej u ma jagħjix lill-qarrej u ma' dan, l-awtur għandu xeħta sabiħa biex jikteb fuq ġrajja u nies li wieħed jiltaqa' magħhom kuljum. Żewġ namrati jiltaqgħu fi ġnien u Apap jislet *essay* mill-isbaħ fuq il-qerq tal-ħajja. Żagħżugħ raġa' lura mill-Amerika u l-awtur jinseġ ġrajja ħelwa ta' l-imħabba. Karru tal-Karnival u l-kittieb jinqeda bih biex jagħti tagħlima fuq l-injoranza soċjali.

Apap ġabar il-ktieb tiegħu f'erba' taqsimiet donnu biex jolqot il-ħajja kollha tal-bniedem, għax fit-taqsimiet *Dinja* u *Milied* hemm ġrajja li jintisġu fuq il-ħajja *esterna* tal-bniedem u fiż-żewġ taqsimiet l-oħra *Ħajja* u *Imħabba* hu jikteb fuq il-ħajja *interna* tal-bniedem. Għidt li hu jikteb, għax jien inqis xi erba' minn dawn il-blanzuni mhux bħala novelli, iżda bħala kitba jew *essay*. Nieħdu "*Il-Flus u l-Hena*", din mhix ħaġ'oħra ħlief *essay* ħafif u sabiħ fuq ir-rabta tal-flus ma' ħajjet il-bniedem.

Fost l-erba' taqsimiet l-aktar li għoġbitni dik fuq il-ħajja. Fiha l-awtur jidher li ma kitebx bil-fehma li jirrakkonta ġrajja biss imma donnu ried igħarrex u jiftaqad fuq it-tqanqiliet u x-xejriet ta' qalb il-bniedem. Fuq kollox f'din it-taqsima hemm l-aħjar fost il-ħafna blanzuni sbieħ ta' dan il-volum.

Jien naħseb li Apap hu fl-aħjar tiegħu meta jirrakkonta fl-ewwel persuna; din il-għamla ta' kitba ma tantx tiltaqa' magħha fost il-kittieba Maltin. Rob. Mifsud Bonnici kien kiteb hekk ix-xogħol tiegħu: "*L-Ewwel*

*Safra Tiegħi*". Jekk wieħed ma jkunx jinqala' għal dan l-istil, il-kitba toħroġlu aktarx imqanżħa, iżda Vic. Apap jaf iħaddimha bil-għaqal u bis-sengħa hekk li tinħass ħajja u naturali qisek qiegħed tara pellikola għaddejja ħafifa u ċara minn quddiem għajnejk.

In-novelli ta' Apap jgħoddu ħafna bħala qari għaż-żgħar għax x'uħud minnhom jistgħu jingħaddu bħala komponimenti u hemm oħrajn ta' ġmiel li jsaħħar bħalma hija dik li jisimha "*Atar Ckejkna Nedjin*"; imma l-kbar ukoll jieħdu pjaċir jaqraw, l-aktar dawk in-novelli li għandhom xejra ta' kif igħidu l-Ingliżi, *class*. Ara "*Serqa f'Berlin*", "*Biancaneve*", u "*Qlub Minfuda.*"

Nittamaw li dawn il-blanzuni ma jdumux ma jiftħu f'ward biex l-awtur jiġbor ħodon ieħor u joffrih lill-qarrejja Maltin b'risq il-letteratura Maltija.

G.

---

**RAND U RIĦAN** ta' A. Cremona. Lux Press—1945. Paġ. 202.

Maż-żewġ antoloġiji bil-Malti li kellna: "Gabra ta' Ward" ta' E. B. Vella, u "Ward ta' Qari Malti" tal-Professuri Saydon u Aquilina, issa żdiedet oħra "Rand u Riħan" tas-Sur Nin Cremona, imma din ta' l-aħħar aktar imissha tissejjaħ ktieb ta' qari milli antoloġija għax ma fihiex ħlief kitba ta' Cremona fil-waqt li l-oħrajn fihom ġabra mix-xogħlijiet ta' kittieba tajbin u hekk min jaqrahom ikollu ħjiel ta' l-istil tal-kittieba Maltin.

Ir-"Rand u Riħan" jingħażel mill-antoloġiji ta' qablu għax fil-waqt li dawk imqassmin għall-klassijiet kollha ta' l-istudenti, din ta' Cremona tiswa ħafna għall-klassijiet għoljin biss u adattata għal studenti mħarrġin fil-Malti.

L-awtur iżewwaq il-ġabra tiegħu bil-għaqal ħafna; fiha proża u poeżija; din ta' l-aħħar tħaddan mis-sunett sal-lirika fil-waqt li fil-proża niltaqgħu ma' xempji ta' bosta għamliet ta' kitba: novella, storja, bijografija. Hemm ukoll żewġ taħditiet: "X'inhu l-Malti Safi" u "Folklore u Lsien Malti" u billi dawn jitkellmu fuq suġġett kontenzjus jew ta' kontroversja, jidhrilna li kien ikun aħjar kieku ma ndaħlux f'dan il-ktieb ta' qari. L-awtur għandu bosta xogħlijiet oħrajn sbieħ li jixirqilhom wisq aktar minn dawk iż-żewġ taħditiet li jidhru fi ktieb għal idejn l-istudenti. L-awtur kien jagħmel tajjeb ukoll kieku ħalla barra xi bċejjeċ li jixbhu ħafna lil xogħlijiet ta' twturi oħrajn miktubin f'ilsien barrani. Għoġbuna ħafna, għax huma ta' ħtieġa kbira u jgħinu mhux ftit lill-qarrej, in-noti u t-tifsir li jagħti l-awtur fuq xi bċejjeċ tqal jew fuq xi kliem mhux mexxej.

L-aktar li għoġbuna n-novelli. Cremona għandu xeħta jikteb ġrajja biċ-ċirkustanzi tagħha kollha u jolqotha hekk tajjeb li jġib quddiem il-għajnejn, ċari daqs f'mera, in-nies u fattihom. Cremona hu kittieb mill-aktar mirqumin ta' lsienna u hu l-imgħallem ta' l-istil klassiku Malti; għandu sengħa kbira biex jagħġen il-kliem u jsawwarhom ħalli jfissru tajjeb il-ħsieb li jkollu f'moħħu, imbagħad hu għandu ħila tal-għaġeb biex jinqeda bl-irqaqat ħalli jżejjen u jorqom il-kitba tiegħu. L-istil ta' Cre-

mona jfakkarna fl-istil Rokoko; dak l-istil imsebbaħ b'ħafna xejxi u tiżjin li mill-ewwel jiġbed il-għajn għal fuqu u li iqanqal għaxqa, għoġba u kurżità f'min jarah.

In-novelli ta' Cremona fihom ħajja u sentiment. Hu ma jiktibx biex jirrakkonta l-fatt, iżda biex ifisser karattri u jsawwar xbihat ta' nies li għandhom ħafna mill-ħajja li tgħix il-kotra. Iż-żewġ novelli "Mill-Hezba tal-Ġebel għall-Qawwa tar-Ruħ", u "Hekk Kien Miktub" jibqgħu bħala dokument taż-żmenijiet koroh li għexna fihom fl-aħħar assedju ta' Malta; iżda aqwa minnhom jidhrilna li hija n-novella l-oħra "Bejn Żewġt Iqlub" kemm għal *plot* u kemm għal *pathos* tagħha.

L-aktar biċċa li tgħodd għall-istudenti hija dik li titkellem fuq l-istorja ta' pajjiżna; barra s-siwi letterarju tagħha, min jaqraha għandu jikseb tagħrif ta' fejda fuq perijodu mill-aktar interessanti ta' l-istorja ta' Malta.

Il-poeżija ta' Cremona l-lum ingħażlet għaliha bħala xogħol ta' reqqa u ta' qawwa li jġiegħel lill-qarrej jaħseb u jixtarr fuq il-fehma ta' l-awtur. Is-Sur Nin kiteb ħafna poeżiji — hu kien ippubblika volum ta' poeżiji "Weraq mar-Riħ" — iżda fost dawk li jinsabu f'din l-antoloġija nagħżlu bħala l-ewwel waħda "Għassa tal-Għadu"; din il-poeżija narrativa, fiha kwadri maqlugħin wisq u xebhiet imissu l-qalb. Konna nieħdu pjaċir wisq iżjed biha kieku kienet aqsar u miktuba f'għamla ta' ballata. Tajba wkoll u ssaħħar il-poeżija "Soru" għax iġġiblek quddiem għajnejk, bi ħlewwa li tgħaxxaq, il-ħajja ħiemda ta' ġewwa monasteru u r-rwieħ safja li jgħixu hemm. Fil-poeżija l-oħra "Għana tar-Rebbiegħa" wieħed iħoss sentiment nostalġiku għall-ħajja taż-żgħożija, ħajja ħielsa minn kull xkiel u maħlula minn kull irbit ta' madmad u ta' ħidma.

Wara dan l-ewwel ktieb nittamaw li l-awtur joħroġ it-tieni u t-tielet u oħrajn biex l-antoloġija tiegħu tikber u toktor għax mill-qari tagħha nistennew ġid kbir fost l-istudenti tal-Malti.

G.

---

**PLEĠĠ IL-HENA.** Mary Meilak. Lux Press. 1945.

Lil Mary Meilak ilna nafuha għall-poeżija tagħha. Hi l-mara waħdiena li tikteb Poeżija bil-Malti, u għamlet ħaġa tassew sabiħa li l-poeżiji tagħha ma ħallithomx imxerrda u mitlufa, imma ġabrithom fi ktieb għalihom, u b'hekk tatna l-ewwel ktieb ta' poeżija miktub minn mara Maltija.

Jidher ċar li l-ispirazzjoni ta' Mary Meilak hi għammiela kemm jista' jkun. U, dak li hu l-aqwa, fil-poeżija tagħha għandha dik id-daqqa oriġinali li bosta drabi tingħoġob mhux ftit. Insibu wkoll, għaddej bħal harira li ddomm iż-żibeġ tal-ħannieqa tal-poeżiji ta' Mary Meilak, dak is-sens ta' "humour" li jħalli tbissima fuq ħaddejn il-qarrej.

Ma rridux ingħidu li kull poeżija li fih il-ktieb għoġbitna, imma hemm uħud li għoġbuna tassew u li, bla dubju ta' xejn jagħmlu ġieħ lil-letteratura tagħna. Ngħidu aħna, laqtuna l-poeżiji "Id-Dar", "Ward tas-Silla", "Kieku Kont..." "Halq bla Snien", u "Il-Għanja tas-Sigħat."

Mary Meilak tikteb fuq kull ma tara b'għajnejha, sa fuq suġġetti li għall-biċċa l-kbira ta' poeti oħra ma huma ta' ebda għajn ta' ispirazzjoni. Imma fihom Mary Meilak issib baħar kbir u wiesa' fejn timraħ. Għaliha l-filfel, furfiċetti, ġdur, ġlieġel, bottijiet u elf ħaġa oħra bħal dawn huma ta' tqanqil poetiku u fuqhom tibni l-immaġinazzjoni tagħha, maħduma bosta drabi bis-sengħa. Għidt "bosta drabi" għax mhux dejjem tikteb b'dik is-sengħa li wieħed ma jsib xejn xi jgħid fiha. Uħud mill-poeżiji jidhru miktuba ta' malajr malajr, u stampati mingħajr ma Mary Meilak qagħdet bis-sabar kollu tonġorhom, torqomhom, tillimahom u tirfinahom mill-aħjar li tista'.

Ħaġa ninnotaw f'Mary Meilak: li taf tosserva kull ma tara. U dak li tosserva tlibbsu b'fantasija kbira li togħġob u tolqot. Hemm ġmiel fil-poeżija ta' Mary Meilak? Hemm kemm trid. Iżda dak il-ġmiel joktor ħafna kieku dil-poetessa Għawdxija kellha fiha d-don tas-sabar, u toqgħod tifli u tonġor aħjar il-poeżiji tagħha qabel ma tistampahom.

Nittamaw li Mary Meilak tkompli timraħ dejjem aktar fil-qasam tal-poeżija tagħna.

# KONKORS TA' WIRJA TEATRALI

## SITT PREMJIJIET U GHOTI TA' DIPLOMA

### KONDIZZJONIJIET

Sejjer isir Konkors għall-aħjar wirja teatrali. Il-produzzjoni tista' tkun buzzett drammatku jew kummiedja b'att wieħed.

1. Il-produzzjoni trid tkun xogħol oriġinali jew traduzzjoni, b'tul ta' bejn tliet kwarti u siegħa.

2. L-ebda attur jew attriċi ma jistgħu jidhru f'iżjed minn produzzjoni waħda.

3. L-organizzaturi jistgħu jirrifjutaw kull produzzjoni u kull kumpannija li jkun jidhrilhom li ma jagħmlux ġieħ lill-Palk Malti.

4. Jekk kumpanija. wara li tkun daħlet għall-konkors, tonqos li tieħu sehem fir-reċta mħabbra, teħel multa ta' £10 li għalihom ikollu jidħol garanti d-Direttur tagħha.

5. It-teatru fejn isiru l-produzzjonijiet tal-konkors, jingħażel u jitħallas mill-organizzaturi.

6. Il-Konkors isir jekk ikun hemm konkorrenti biżżejjed billi n-nefqa tilħaq iżjed minn £200.

7. Kopja ta' kull produzzjoni għandha tintbagħat lis-Sur Nikol Biancardi, 66, Tower Road, Sliema, bl-isem ta' l-awtur u tal-kumpanija, kif ukoll bl-isem u l-indirizz tad-Direttur, mhux iżjed tard mill-25 ta' Marzu, 1946. Kopji meħudin bl-idejn ma jiġux aċċettati. Kull mistoqsija għandha ssir bil-Posta.

### £50 PREMIJIET

Jingħataw sitt premijiet: £18 lill-kumpanija li tiġi l-ewwel; £10 għat-tieni; £7 għall-aħjar xogħol oriġinali; £5 lill-aħjar attur; £5 lill-aħjar attriċi; u £5 lil min jarma l-palk bl-aħjar *messa-in-scena*.

Min ma jridx jieħu flus jista' jingħata oġġetti ta' l-istess valur tal-premju. Mal-premjijiet jingħataw Diplomi ffirmati mill-Eżaminaturi u mill-Organizzaturi.

### EŻAMINATURI

L-Eżaminaturi, li jassistu għal kull wirja—flimkien mal-pubbliku—huma t-Tabib Kavalier Ġuże' Galea, il-Prokuratur Legali Giaċinto Tua, u s-Sur Gino Muscat Azzopardi. Id-deċiżżjoni ta' l-Eżaminaturi hija finali.

Il-kumpannijiet li jidħlu għall-konkors jingħataw kull tagħrif permezz ta' korrispondenza privata, ġurnali u Rediffusion.

## PREMJU: ĠUŻÈ MUSCAT-AZZOPARDI

Fil-waqt li mixjin fl-istampa ta' dan in-Numru ta' "Il-Malti", kellna l-pjaċir li tiġina f'idejna din il-kopja tal-proposta tal-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi", mogħti bħala donazzjoni minn fond imwaqqaf mis-Sur Ġino Muscat-Azzopardi bħala tifkira ta' missieru, il-mejjet u qatt minsi Ġużè Muscat-Azzopardi, l-aqwa Rumanzier u Poeta Malti tas-Seklu li għadda u l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Fil-waqt li rroddu ħajr minn qalbna għall-ħsieb hekk sabiħ li bih is-Sur Ġino sejjer iżejjen l-isem ta' missieru nixtiqulu kull riżq u għomor u hena f'daru u f'niesu bit-tama li ismu jibqa' wkoll fostna bħala tifkira għażiża ta' bin Ġużè Muscat-Azzopardi, li minnu huwa wiret "nofs is-sengħa".

---

**1. Fl-4 ta' Awissu ta' kull sena — għeluq il-mewt ta' Ġużè Muscat-Azzopardi — midalja tad-deheb "standard" u cheque li jirrapreżenta l-bqija minn donazzjoni ta' £40, jingħataw lil min ikun iddistingwa ruħu l-aktar, bil-ħidma tiegħu, għall-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti.**

**2. Ebda bniedem ma jkun jista' jieħu dan il-premju aktar minn darba.**

**3. F'naħa waħda tal-midalja jkun hemm minqux PREMJU ĠUŻE' MUSCAT-AZZOPARDI, eċċ., filwaqt li fuq in-naħa l-oħra jkun hemm minqux isem ir-rebbieħ, id-data, eċċ.**

**4. Ir-Rettur ta' l-Università ta' Malta, bħala rappreżentant tal-Gvern, flimkien mal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ma' Ugo u Ġino Muscat-Azzopardi jiddeċiedu min ikun ħaqqu l-premju l-ewwel darba.**

**5. Is-snin ta' wara r-rebbieħ ikun magħżul mir-Rettur ta' l-Università, flimkien mal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u r-rebbieħ, jew rebbieħa tas-snin ta' qabel, u ma' Ugo u Ġino Muscat-Azzopardi, sakemm dawn idumu ħajjin.**

**6. Il-għażla tar-rebbieħ issir mill-Ġurija mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena.**

**7. Jekk ma' tul xi sena ma jkun hemm ħadd li fil-fehma tal-Ġurija jkun jistħoqqlu l-premju, dan il-premju jista' jkun mogħti s-sena ta' wara bid-data tas-sena ta' qabel.**

**8. Biex wieħed jieħu dan il-premju ma hemmx il-ħtieġa li jkun Malti jew li jkun jgħammar f'dawn il-Gżejjer.**

**9. F'dan l-aħħar kas il-premju fl-4 ta' Awissu, jiġi mogħti lil min jinkariga r-rebbieħ sabiex jirċevih f'ismu.**

JINBIEGH 1s.

Direttur: Dr. Kav. Ġużè Galea,
29, Sta. Barbara Bastion—Valetta.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150 Tower Road,
Sliema.

## ĦAREĠ IL-KTIEB

**ESDRA U NEHEMIJA**

Li hu l-ħdax-il wieħed mill-**Kotba Mqaddsa**
maqlubin għall-Malti mill-Professur P.P. Saydon.

**Kull min iħobb il-Malti jmissu jixtri kopja.**